**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 54/2016 JZM**

**John Bonnett [ID 254258(M)] u Carmelo Bonnett [ID 164757(M)]**

***kontra***

1. **L-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi;**
2. **L-Awtorita` tal-Ippjanar; u**
3. **L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir rikorsipprezentat fit 3 ta` Gunju 2016 li jaqra hekk :–

*1) Illi r-rikorrenti jiggestixxu zewg scrapyards gewwa t-Triq Marnisi, Birzebbugia.*

*2) Illi dawn is-scrapyards illum operattivi mis-snin sittin u dan kif jirrizulta mill-annessi aerial photogographs u kif sejjer jirrizulta ampjament waqt is-smigh u trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*3) Illi in effettivi ghall-operat ta` dawn l-iscrapyards kienet tithallas licenzja u permess lill-Kummissarju tal-Pulizija.*

*4) Illi ghalhekk l-gestjoni ta` dawn l-iscrapyards kienet koperta bil-permessi kollha li kienu rikjesti dak iz-zmien.*

*5) Illi r-rikorrenti kienu gew rinfaccjati b`avvizi tat-twaqqif u twettiq u ricentement marru rapprezentanti tal-awtoritajiet intimati sabiex ibattlu fizikament l-iscrapyards in kwistjoni.*

*6) Illi r-rikorrenti ittantaw jaghmlu proceduri ta` mandati ta` inibizzjoni u fil-fatt gew intavolati mandati numru 588/2016 u 598/2016 pero dawn gew michuda permezz ta` digrieti datati 18 ta` Mejju 2016. Dawn gew michuda principarjament minhabba d-dispost tal-artikolu 90(3) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta` Malta u l-artikolu 100(3) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta` Malta, liema artikoli jghidu li ma jistax jigi pprezent mandati kawtelatorju sabiex L-Awtorita` titwaqqaf milli tezercita xi setgha moghti lilha skond l-Att relattiv.*

*7) Illi huwa principju ben accettat li zvillup jew gestjoni ta` sit li kien legally established fi zminijiet bhal dawk tas-siti in kwistjoni, huwa ezentat mir-regoli sussegwenti tal-Ippjanar.*

*8) Illi dak kollu inkluz fis-siti in kwistjoni ghandu jitqies bhala posseddiment tar-rikorrenti ai finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu konvenzjonali korrispondenti u cioé l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*9) Illi effetivament, minhabba l-avviz mahrug kontra r-rikorrenti, l-istess rikorrenti sejrin jitilfu telf kemm materjali u finanzjarju f`ammonti gnenti u in effetti l-istess possedimenti taghhom sejrin isiru proprjeta` tal-Awtoritajiet intimati, sabiex din tkun tista` tbiegh l-istess bi profit ghaliha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1) Tiddikjara li l-hrug tal-avvizi tat-twaqqif u twettiq mahruga kontra l-esponenti fuq l-iscrapyards hawn fuq indikati, nonostante li ilhom operattivi mis-sittinijiet huwa leziv tad-drittijiet tal-esponenti kif sanciti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu konvenzjonali korrispondenti u cioé l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*2) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna li jithassru l-avvizi tat-twaqqif u twettiq mahruga kontra l-esponenti, tordna l-Awtoritajiet intimati sabiex jirritornaw l-materjal li diga gie mnehhi, tikkancella kull kont mahrug relatat mall-istess tnehhija u tiffissa kumpens pagabbli lill-esponent kemm f`ammont materjali u non-materjali.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir risposta li pprezentat l-Awtorita` tal-Ippjanar fit-22 ta` Gunju 2016 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta, stante`n-nuqqas ta` ezawriment ta` mezzi xierqa ta` rimedji disponibbli ghar-rikorrenti skont il-Ligi (ara ghal dak li nghad minn din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) fid-digrieti taghha fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 588/2016 MH u tal-mandat ta` inibizzjoni numru 598/2016 MH).*

*2. Illi bla hsara ghall-premess, l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, anzi hi sempliciment frivola u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet li jsegwu :-*

*(a) Illi ghal dak li jirrigwarda l-fattispecie ta` dan il-kaz, l-Awtorita` taghmel riferenza ampja ghad-digrieti moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) fl-atti tal-mandati ta` inibizzjoni citati diga, fejn intqal hekk :-*

*(i) kontra r-rikorrenti nhargu zewg enforcement notices, ossia l-enforcement notice numru ECF 69/96 mahrug fil-konfront ta` John Bonnett u l-enforcement notice numru ECF 11/14 mahrug fil-konfront ta` Carmelo Bonnett, u dan b`riferenza ghall-izvilupp illegali mwettaq minn kull wiehed minnhom*

*konsistenti fil-konverzjoni ta` zewg porzjonijiet ta` art agrikola, li huma protetti b`ordni ta` skedar, fi scrap yards minghajr permess;*

*(ii) r-rikorrenti ma nqdewx bir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skont il-Ligi sabiex jikkontestaw l-imsemmija Avvizi ta` Twettiq (enforcement notices) u ghalhekk l-istess enforcement notices saru ezegwibbli u l-Awtorita` kellha l-jedd illi tintervjeni bis-sahha tas-setghat moghtija lilha skont l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta` Malta (illum l-Artikolu 100 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta` Malta) biex tiehu l-azzjoni necessarja sabiex twaqqaf l-illegalita` kommessa mir-rikorrenti. Ukoll, gialadarba r-rikorrenti ma kkontestawx l-imsemmija enforcement notices, huma gew li ssokkombew u accettaw l-ordnijiet kontenti fl-istess Avvizi ta` Twettiq.*

*(iii) r-rikorrenti nfushom <u>irrikonoxxew u accettaw</u> ir-responsabilita` ghall-illegalita` estensiva kommessa minnhom fuq l-artijiet kopliti bl-enforcement notices mertu tal-kaz, u talbu lill-Awtorita` li jinghataw zmien bizzejjed sabiex iwettqu, huma stess, ix-xogholijiet mehtiega biex jitnehha l-ammont massicc ta` scrap ta` vetturi u materjal iehor li kien gie depozitat minnhom b`mod illegali fuq kull wahda mill-artijiet in kwistjoni. L-Awtorita` ikkoncediet lir-rikorrenti <u>aktar minn zmien bizzejjed</u> sabiex inehhu l-iscrap <u>kollu</u> li kien gie depozitat minnhom fuq dawn l-artijiet agrikoli;*

*(iv) il-koncessjoni taz-zmien li ntalbet mir-rikorrenti sabiex suppost iwettqu, huma stess, ix-xogholijiet mehtiega biex inaddfu dawn l-artijiet agrikoli, kienet biss skuza, jew ahjar manuvra abusiva adoperata minnhom sabiex jirbhu aktar zmien u jkomplu jippersistu bl-illegalita` taghhom, u dan kif propju jixhdu r-ritratti annessi ma` din ir-risposta, li juru l-istat gravi li kienu jinsabu fih dawn l-artijiet qabel ma l-Awtorita` pprocediet bl-azzjonijiet ta` infurzar relattivi, sabiex jitnehha l-ammont massicc ta` scrap ta` vetturi u materjal iehor li kien gie depozitat fl-istess artijiet.*

*(v) ir-rikorrenti, wara li naqsu milli jwettqu x-xogholijiet mehtiega biex inaddfu dawn l-artijiet agrikoli mit-tunnellati ta` scrap li kienu iddepozitaw fuqhom b`mod illegali, pprovaw jinqdew, jew ahjar jabbuzaw, minn diversi proceduri gudizzjari – ossia l-proceduri ta` mandat ta` inibizzjoni gja citati; talba ghal riferenza kostituzzjonali mressqa fl-atti tal-istess proceduri ta` mandat inibizzjoni; u talba ghal ghoti ta` interim measure mressqa fl-atti ta` din il-kawza - sabiex izommu lill-Awtorita` milli tesegwixxi l-azzjonijiet t`infurzar mehtiega sabiex titwaqqaf, wiehed jittama darba ghal dejjem (pero` minghajr wisq tama), din l-illegalita`. It-talbiet imressqa mir-rikorrenti f`kull wahda minn dawn il-proceduri gew michuda mill-Qorti.*

*3. Id-dikjarazzjoni mressqa mir-rikorrenti fir-rikors taghhom li "dawn lis-scrapyards ilhom operattivi mis-snin sittin" hija dikjarazzjoni **<u>inveritjiera u skorretta ghall-ahhar.</u>** Dak li jirrizulta <u>bhala fatt</u> mill-aerial photographs tal-Awtorita` huwa li l-art agrikola kolpita bl-enforcement notice numru 11/14*

*mahrug fil-konfront ta` Carmelo Bonnett (i) giet konvertita fi scrap yard illegali wara s-sena 1994 u (ii) li matul is-snin, ir-rikorrent Carmelo Bonnett progressivament awmenta l-entita` tal-illegalita` ezistenti fuq is-sit bid-depozitu ulterjuri ta` "tunnelati **kbar ta` eluf ta` mijiet** ta` scrap"( **Fiona El Husseini (ID 8076M) Vs L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi u l-Awtorita` ta` l-Ippjanar",*** digriet moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta` Mejju 2016 fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 598/2016 MH)*; filwaqt li l-art agrikola kolpita bl-enforcement notice numru 69/96 mahrug fil-konfront ta` John Bonnett (i) giet konvertita fi scrap yard illegali ghall-habta tas-sena 1994 u (ii) li matul is-snin, r-rikorrent progressivament awmenta l-entita` tal-illegalita` ezistenti fuq is-sit bid-depozitu ulterjuri ta` "tunnelati **kbar ta` eluf ta` mijiet** ta` scrap" (**John Bonnett ID 254258(M) Vs L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi u l-Awtorita` ta` l- Ippjanar"**, digriet moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta` Mejju 2016 fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 588/2016 MH).*

*4. Hija daqstant iehor fiergha u inveritjiera l-allegazzjoni tar-rikorrenti li "l-gestjoni ta` dawn l-iscrapyards kienet koperta bil-permessi kollha li kienu rikjesti f`dak iz-zmien." Jigi rilevat illi anke` fl-ipotezi, assolutament mhux kondiviza mill-Awtorita`, li l-iscrap yards in kwistjoni kienu ilhom zmien twil in ezistenza, u cioe` qabel ma dahlet fis-sehh l-istess Awtorita`, l-izvilupp ta` dawn l-iscrap yards xorta wahda kien jirrikjedi permess tal-izvilupp validament mahrug mill-Awtorita` kompetenti ta` dak iz-zmien, ossia l-PAPB. L-ebda wiehed minn dawn l-iscrap yards ma hu kopert b`permess tal-izvilupp validament mahrug mill-PAPB jew mill-Awtorita` esponenti; ergo l-ebda wiehed minn dawn l-iscrap yards ma hu "legally established" (kif jipprovaw jargumentaw r-rikorrenti).*

*5. Illi anke` kieku, ghall-grazzja tal-argument biss, dan kien kaz fejn l-artijiet agrikoli in kwistjoni gew konvertiti fi scrap yards illegali fi zmien meta l-esponenti kienet ghadha ma gietx kostitwita` (punt li qed jigi kontestat mill-Awtorita`), l-Awtorita` esponenti xorta wahda kien ikollha s-setgha, u l-obbligu legali, li tohrog l-avvizi ta` twettiq in kwistjoni, u tenforza l-istess, fir-rigward ta` dawn l-iscrap yards illegali.(* Digriet fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 1923/2014 AE fl-ismijiet ***"John Mary sive Jimmy Vella f`ismu u f`isem Vella Group Limited Vs L-Awtorita ta` Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar*** moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta` Dicembru 2014. Ara ukoll l-Artikolu 55B tal-Kap. 356 (il-Ligi fis-sehh fil-mument illi fih inhareg l-*enforcement notice* numru 69/96) u l-Artikolu 91 u t-tmien skeda tal-Kap. 504 (il-Ligi fis-sehh fil-mument li fih inhareg l-*enforcement notice* numru 11/14)).

*6. L-allegazzjoni tar-rikorrenti li minhabba l-enforcement notices mahruga kontra taghhom il-"possidimenti taghhom sejrin isiru propjeta` tal-Awtoritajiet intimati, sabiex din tkun tista` tbiegh l-istess bi profit ghaliha",*

*m`hija xejn ghajr allegazzjoni fiergha ghall-ahhar. Dak li r-rikorrenti qed jirreferu ghalih bhala l-"possedimenti taghhom", ossia "tunnelati **kbar ta` eluf ta` mijiet** ta` scrap" **(Fiona El Husseini (ID 8076M) Vs L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi u l-Awtorita` ta` l-Ippjanar",*** digriet moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta` Mejju 2016 fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 598/2016 MH) *u skart iehor li gie depozitat fuq l-artijiet in kwistjoni, jikkostitwixxi <u>l-oggett tal-illegalita`</u> kommessa mill-istess rikorrenti. Ix-xogholijiet estensivi relatati mal-azzjonijiet t`infurzar li l-Awtorita` esponenti giet kostretta tezegwixxi fuq l-artijiet in kwistjoni (wara li r-rikorrenti, b`mod mill-aktar abuziv, naqsu milli jnehhu, l-imsemmija illegalita` huma stess) huma xogholijiet li jinvolvu **<u>biss spejjez kbar</u>** (mhux profitti) li ghalihom trid taghmel tajjeb l-istess Awtorita` bid-dritt li tigborhom minghand ir-rikorrenti (l-contraveners), jekk ikollhom assi x`jaghmlu tajjeb.*

*7. L-izvilupp imwettaq mir-rikorrenti minghajr permess jikkostitwixxi ksur car tal-Ligi tal-Ippjanar u la l-Kostituzzjoni ta` Malta u lanqas il-Konvenzjoni ma jipprotegu d-"dritt" li wiehed jikser il-Ligi tal-Ippjanar. Agir bhal dan huwa <u>punibbli</u> mill-Ligi, mhux <u>protett</u> mill-Ligi. Ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jistghu jitilghu `l fuq mill-ligi, jikkommettu l-illegalitajiet, jippersistu fl-illegalitajiet taghhom u ma jnehhux l-istess, u snin wara l-hrug tal-enforcement notices, jipprezentaw kawza Kostituzzjonali illi hi karenti minn bazi legali.*

*8. Illi f`dan il-kaz ma jissussisti ebda ksur, la tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u lanqas tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (u tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta). Id-"dritt" li wiehed iwettaq zvilupp ta` scrap yard illegali, jew id-"dritt" li wiehed igawdi minn propjeta` billi jiggestixxi scrap yard illegali minn fuq l-istess propjeta`, la hu dritt sancit taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni propju ghaliex il-ligi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita` u jigi zvantaggjat min jikkonforma ruhhu mal-ligi. Min jiehu vantagg billi jaghmel illegalita` ma jistax jippretendi li l-ligi taghtih rimedju.( **John u Helen konjugi Vella u GV Gozo Developments Limited vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et"*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 t`April 2015.)

*9. F`kull kaz, u bla hsara ghall-premess, kull azzjoni mwettqa mill-Awtorita` in konnessjoni ma` dan il-kaz kienet wahda regolari u perfettament konformi mal-obbligi u s-setghat moghtija lill-istess Awtorita` skont il-Ligi, senjatament is-setghat ta` twettiq ta` kontroll moghtija lill-Awtorita` skont il-provvedimenti kontenuti fit-Taqsima VI tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta` Malta (*Ara ukoll il-provvedimenti tat-Taqsima V tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta` Malta *), illum it-Taqsima IX tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta` Malta. Ir-rikorrenti m`humiex qed jattakkaw l-imsemmija provvedimenti tal-Ligi.*

*10. It-tieni talba tar-rikorrenti hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba, u hi sempliciment frivola u infondata bhala ta` qabilha, u ghalhekk ma timmeritax akkoljiment. Certament li ma hemm xejn dovut lir-rikorrenti talli wettqu zvilupp bi ksur manifest tal-Ligi u talli baqghu jippersistu f`din l-illegalita` manifesta taghhom ghal numru ta` snin shah. Jekk xejn huma r-rikorrenti nfushom illi, skont il-procedura kontemplata fis-sub-incizi (5) sa (9) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta` Malta, jridu jikkumpensaw lill-Awtorita` ghall-ispiza inkorsa minnha in konnessjoni mal-azzjonijiet ta` infurzar li giet kostretta tezegwixxi wara li r-rikorrenti njoraw l-enforcement notices mahruga fil-konfront taghhom u, b`mod mill-aktar abbuziv, baqghu jippersistu bl-illegalita` minnhom kommessa, anzi wessghu din l-illegalita`.*

*Illi ghalqastant it-talbiet kollha tar-rikorrenti ma jimmeritawx akkoljiment u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, b`dana illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti bhala wahda sempliciment frivola.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fis-27 ta` Gunju 2016 li taqra hekk :-

*Illi in succint il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li l-ordnijiet ta` twaqqif u twettiq li harget l-Awtorita` intimata li jirrigwardaw l-iscrapyard tar-rikorrenti gewwa B`Bugia huma lezivi tad-drittijiet fundamentali taghhom bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar `l isfel, l-ebda agir ta` l-esponent ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.*

***Rimedji Ordinarji***

*Illi in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxi li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji li taghtih il-ligi. Il-principji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta` rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Fihom insibu specifikat li l-qorti b`kompetenza kostitutuzzjonali ghandha tirrifjuta milli tinqeda b`dawn is-setghat specjali moghtija lilha mil-ligi, jekk kemm-il darba*

*hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta` rimedju taht il-ligi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.*

*Illi huwa evidenti li r-rikorrenti intavolaw dawn il-proceduri odjerni ghaliex kontra r-rikorrent John Bonnett inhareg Avviz biex Tieqaf u ta` Twettiq (enforcement notice) li jgib ir-riferenza ECF 69/96 u li permezz tieghu l-istess rikorrent, gie infurmat li wettaq zvilupp illegali konsistenti fil-konverzjoni ta` art agrikola li tinsab gewwa Triq Birzebbuga, Birzebbuga fi "scrapyard minghajr permess". Permezz tal-istess Avviz, r-rikorrent gie formalment avzat sabiex jwaqqaf "immedjatament l-izvilupp" u "jregga lura kull haga li ghamilt minghajr permess ghall-istat originali taghha fiz-zmien 16 il-gurnata". L-imsemmi enforcement notice gie mahrug mill-Awtorita` fl-1 ta` Frar 1996 u notifikat lir-rikorrent fid-9 ta` Frar 1996.*

*Ir-rikorrent ressaq appell mill-imsemmi Avviz biex Tieqaf u ta` Twettieq, liema appell gie deciz kontra tieghu permezz tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar datata 12 ta` Dicembru 2001 (appell numru PAB 85/96E TSC) li kkonfermat l-enforcement notice mahruga fil-konfront tar-rikorrent.* ***Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda appell, quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), mill-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar.***

***L-esponent jissottometti li galadarba r-rikorrent evidentement ma kienx qed jaqbel mad-decizjoni tal-Bord huwa seta` facilment irrifera il-kwistjoni lill-Qorti tal-Appell pero` m`ghamilx hekk u allura ghandu jirrizulta li r-rikorrenti ma utilizzax rimedju ordinarju li taghtih il-ligi u cioe` appell fil-Qorti tal-Appell.***

*L-istess jista` jinghad fil-kaz ta` Carmel Bonnett, inhareg Avviz biex Tieqaf u ta` Twettiq (enforcement notice) li jgib ir-riferenza ECF 11/14 u li permezz tieghu r-rikorrent, gie infurmat li wettaq zvilupp illegali konsistenti fil-konverzjoni ta` "art agrikola ghal post fejn qed tinzamm hazna ta` karozzi uzati, white goods, tyres, scrap, u oggetti ohra fuq art agrikola", u dan kollu gewwa sit li jinsab fi Triq il-Profs A. Tabone, Birzebbuga. Permezz tal-istess Avviz, r-rikorrent gie formalment avzat sabiex (i) jwaqqaf "immedjatament l-izvilupp hawn fuq imsemmi u kull zvilupp iehor fuq is-sit in kwistjoni, jekk ghadu jsir" (ii) "ma jinbeda ebda zvilupp iehor fuq is-sit" u (iii) "tnehhi l-imsemmi zvilupp u tregga s-sit lura ghall-istat li kien fih qabel ma sar l-izvilupp u dan fi zmien 16-il gurnata". L-imsemmi enforcement notice gie mahrug mill-Awtorita` fit-3 ta` Marzu 2014 u notifikat lir-rikorrent fl-4 ta` April 2014.*

***Illi l-Avviz biex Tieqaf u ta` Twettiq ma giex kontestat permezz ta` appell mill-istess fiz-zmien hmistax il-jum mid-data illi fiha r-rikorrent***

***gie debitament notifikat bl-istess Avviz u kwindi l-istess Avviz sar ezegwibbli. Galardaba r-rikorrent ma kkontestax l-imsemmi enforcement notice permezz ta` appell mill-istess, allura huwa (ir-rikorrent) gie li ssokkomba, accetta u rrikonoxxa l-ordni mahruga kontra tieghu permess tal-istess avviz.***

*L-ufficjali tal-Awtorita`, waqt diversi site inspections li saru fuq is-sit, avzaw lir-rikorrent kemm il-darba li (i) l-istat tas-sit ma kienx wiehed accettabbli u (ii) li l-Awtorita` setghat f`kull waqt tipprocedi bid-direct action minghajr ebda avviz iehor jekk is-sit ma kienx ser jitnaddaf kompletament sal-iskadenza tat-terminu li gie koncess mill-Awtorita` ghal dan. Izda r-rikorrent injora d-diversi twissijiet li nghatawlu sabiex inaddaf is-sit u baqa` jisfida u jippersisti bl-illegalita` minnu kommessa. Dan wassal sabiex l-Awtorita` esponenti, fix-xahar ta` Mejju li ghadda, pprocediet, jew ahjar ipprovat tipprocedi, bid-direct action relattiva sabiex titnehha l-illegalita minn fuq is-sit, u b`rejazzjoni ghal dan, r-rikorrent John Bonnett intavola proceduri ta` mandat ta` inibizzjoni, ossia l-mandat ta` inibizzjoni numuru 598/2016 MH, fejn talab lill-Qorti tinibbixxi lill-Awtorita` milli tipprocedi bid-direct action relattiva. Issa huwa importanti ferm dak li gie osservat minn dina l-Onorabbli Qorti fid-digrieti taghha ghal riferenza Kostituzzjonali fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 588/2016 MH u tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 598/2016 MH. Fl-imsemmi proceduri, l-Qorti ghazlet li tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha stante n-nuqqas tar-rikorrenti li jinqdew bil-mezzi xierqa ta` rimedju li kienu disponibbli ghalihom skont il-ligi sabiex jikkontestaw l-enforcement notices mertu ta` dawn il-proceduri.*

*Il-Qorti, fid-digrieti taghha ghal riferenza Kostituzzjonali fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 588/2016 MH u tal-Mandat ta` Inibizzjoni Numru 598/2016 MH, osservat, fost ohrajn :*

> *"Illi huwa mill-ottika ta` dawn l-insenjament kollha migbura lil lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi kkunsidrata. Il-Qorti gia esprimiet li t-triq maghzula mir-rikorrenti, dik li jittenta jressaq referenza kostituzzjonali quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili kienet intiza biex hu jahrab it-test provdut fil-proviso ta` l-artikolu 46(2) ben ezaminat fil-gurisprudenza citata. Dana huwa ovvju minn dak kollu gia dikjarat ghal diversi drabi mill-intimati kemm fis-sottomissjonijiet taghhom u n-noti minnhom presentati. Huma sostnew bis-sahha u urew lil-Qorti it-toroq kollha legali lir-rikorrenti kellu ghad-disposizzjoni tieghu u li ghalihom ghazel li ma jirrikorrix; a skans ta` ripetizzjoni din il-Qorti taghmel ampja referenza ghal dak li jirrizulta minn hemm dwar dan.*

> ***Senjatament u li jispikka lil mezzi ordinarji li seta` rrikorra ghalihom ir-rikorrenti kienu bosta; kienu fi kliem il-principji stabbiliti fil-gurisprudenza nostrana citata "prattici, effettivi u effikaci". Kienu certament disponibbli ghalih, u daqstant xierqa biex jindirizzaw il-lanjanzi tieghu dwar l-iscrapyard in kwistjoni."*** *"In sintesi jirrizulta mill-atti, mid-dokumenti esebiti mill-Awtoritajiet intimati, illi r-rikorrenti llum qed jopera scrap yard* ***bla permess f`art agrikola, art li hija mimlija b`tunnelati kbar ta` eluf ta` mijiet ta` scrap****. Daqstant iehor jirrizulta lir-rikorrenti wara anke enforcement notice mahrug mill-Awtoritajiet intimati, anke ghamel varji laqghat ma l-istess biex jakkwista zmien biex jirripristina l-istess art.* ***Ghalhekk din il-bono fede murija minnu, ghax qatt ma sarfet f`xejn, kienet biss intiza biex jakkwista izjed zmien u jippersisti fl-illegalita` tieghu****. L-iscrap fuq l-art in kwistjoni fil-fatt jidher li zdied. Il-Qorti taghmel ampja referenza ghar-risposti kopjuzi u dettaljati presentati mill-istess intimati, li juru bic-car it-tragit li ttiehed biex l-Awtoritajiet li wasslu ghal-hrug ta` direct action, li fuq kollox hija l-iskop ghala qed jitressaq ir-rikors ghal hrug ta` l-att kawtelatorju.*
>
> *Applikati l-principji enunzjati dwar dak li jikkostitwixxi talba frivola u vessatorja, tenut kont tat-toroq kollha li seta ha ir-rikorrenti qabel ma wasal s`hawn, tenut kont li ex admissis kif ben riportat mill-intimati dana ghal diversi drabi ftiehem ma l-Awtoritajiet li kien se jirripristina l-fond in kwistjoni, tqis li verament it-talba minnu proposta kienet anke tfalli taht dan ir-rekwizit, in kwantu taqbel ghal kollox mall-intimati li f`dan l-istadju qed jigi biss tentat aktar prolungar ta` zmien biex ma jikkonformax ruhu mal-ligi.*

*Tassew mhuwiex gust li r-rikorrenti hallew opportunita` tar-rimedju ordinarju tghaddi inutilment. Jekk hasbu li kien hemm xi nuqqas huma kien messhom qanqluh fil-mument opportun u quddiem il-Bordijiet u/jew il-Qrati opportuni. Id-disposizzjonijiet ta` natura kostituzzjonali mhumiex intizi bhala l-ahhar refugju meta persuna thalli termini provduti taht il-ligi ordinarja jiddekorru inutilment imbaghad jittanta jaghti xejra ta` ksur ta` drittijiet fundamentali lil tali nuqqas.*

*Ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta stante l-ezistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju.*

***Mertu***

*Illi fil-mertu, safejn qed tigi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li jista` jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta` uzu tad-dritt ghat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Illi fi kwalunkwe kaz, la l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipprotegu d-dritt tal-godimenti pacifiku tal-possedimenti jew proprjeta` minghajr restrizzjoni ta` xejn. Fil-fatt kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw r-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt.*

*Illi l-esponent jissottometti li dan il-kaz jirrigwarda zvilupp imwettaq mir-rikorrenti minghajr permess li jikkostitwixxi ksur car tal-Ligi tal-Ippjanar u ghalhekk la l-Kostituzzjoni ta` Malta u lanqas il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jipprotegu d-"dritt" illi wiehed jikser il-Ligi tal-Ippjanar. Id-"dritt" li wiehed igawdi proprjeta` kolpita` b`illegalita` ma hux sancit propju ghaliex il-ligi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita` u jigi zvantaggjat min jikkonforma ruhhu mal-ligi. Illi hawnhekk m`ahniex nitkellmu fuq xi nfrazzjoni minuri izda fuq illegalita` kbira konsistenti fil-konverzjoni ta` art agrikola li tinsab f`zona skedata bhala wahda ta` importanza agrikola fi scrap yard minghajr permess.*

*Illi kif tajjeb ikkonkludiet din l-Onorabbli Qorti (fis-sede civili taghha), fid-digriet tal-20 ta` Novembru 2014 fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 295/2014 SM fl-ismijiet "John Mary sive Jimmy Vella et vs. L-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar f` Malta" :-*

*"l-ebda stat ta` illegalita` espressa ma` tista` taghti lok ghal xi dritt kwezit li permezz tieghu r-rikorrent odjern jista` jippretendi li l-illegalita` insita` li jinsab fiha taghtih xi drittijiet, u dan ukoll ghaliex ex turpi causa non oritur actio"*

*Illi l-esponent jirrileva ukoll li fil-proceduri tal-mandati ta` inibizzjon imsemmija aktar` l fuq f`din ir-risposta saret talba sabiex issir referenza kostituzzjonali. Fil-fatt ir-rikorrent Carmel Bonnett, talab riferenza Kostituzzjonali sabiex jigi indagat jekk l-Artikolu 90(3) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet*

*ta` Malta huwiex leziv tad-dritt tar-rikorrent ghall-smiegh xieraq, u dina l-Onorabbli Qorti, permezz tad-digriet taghha tat-18 ta` Mejju 2016 [Mandat ta` Inibizzjoni Numru 588/2016] cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti – u cioe` kemm it-talba ghal hrug tal-mandat ta` inibizzjoni u* ***kif ukoll it-talba ghal riferenza Kostituzzjonali****. Fost diversi konsiderazzjonjiet ohra, dik l-Onorabbli Qorti kkonkludiet bis-segwenti:*

> *Apparti li taqbel ghal kollox ma dak citat mill-intimati fir-referenzi taghhom fir-rigward ta` decizjonijiet ta` Qrati taghna fl-ismijiet* ***Tarcisio Borg vs Onor. Prim Ministru et*** *deciza fit-12 ta` Jannar, 2015 (Appell Kostituzzjonali numru 61/2011) u dik tal-Prim` Awla fl-ismijiet* ***John Mary Jimmy Vella f`ismu u f`isem Vella Group Limited vs L-Awtorita` ta` Malta ghall-Ambjent u Ippjanar*** *deciza mill-Prim Awla fl-20 ta Dicembru, 2014, taghmel ukoll hi referenza ghal decizjoni ohra li taghti kjarezza dwar il-lanjanza ta` nuqqas ta` access ghal Qorti lamentat mir-rikorrenti: il-kaz fl-ismijiet* ***Albert sive Robert Borg vs Kap Ezekuttiv Awtorita Maltija tat-Turizmu, u Chairman tal-Awtorita` Maltija tat-Turizmu****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta` Mejju, 2013, Appell Civili numru. 56/2009/1 .* ***Hawn si tratta ta` Appell minn referenza kostituzzjonali li permezz taghha l-Prim` Awla kienet ikkonkludiet li l-artikolu 42(2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta` Malta mhux leziv tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*** *Dan is-sub inciz ukoll jirrispekkja dak provdut fl-artikoli 90(3) Kap 504 u 100(3) kap 552, inkwantu jaqra ukoll li " Minkejja d-disposizzjonijiet ta` kull ligi ohra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni ohra m`ghandha tinhareg jew tinghata minn ebda qorti, li zzomm l-Awtorita` milli tezercita xi wahda mis-setghat moghtija lilha b`dan l-artikolu" .*

*F`dan ir-rigward il-Qorti iccitat bran mill-kawza* ***Maestri vs Italy :***

> *"The law should be accessible to the persons concerned and formulated with sufficient precision to enable them – if need be, with the appropriate advice – to foresee to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail... For domestic law to meet these requirements it must afford a measure of legal protection against arbitrary*

*intereferences by public authorities with the rights guaranteed by the Convention"*

*"[32] Illi, kif ser jigi spjegat aktar `il quddiem, ghalkemm il-Kap. 409 fl-Artikolu 42[2], jeskludi access ghal qrati ordinarji meta l-Awtorita` tkun qed tezercita s-setghat taghha taht is-sub inciz [1] tal-istess Artikolu, minn naha l-ohra pero` jipprovdi rimedju u salvagwardja kontra "arbitrary interferences" da parti tal-Awtorita` fid-drittijiet konvenzjonali ta` min ihossu aggravat b`decizjoni taghha.*

*"Right to a Court"*

*[33] Din il-materja hija regolata b`dawk li llum huma maghrufa bhala l-"Ashingdane principles" identifikati mill-Qorti Ewropeja fil-kaz* ***Ashingdane v. the United Kingdom*** *fejn dik il-Qorti osservat hekk:*

*"In its Golder judgment of 21 February 1975, the Court held that `Article 6 para.1 [art.6-1] secures to everyone the right to have any claim relating to his civil rights and obligations brought before a court or tribunal ..... This `right to a court` of which the right of access is an aspect, may be relied on by anyone who considers on arguable grounds that an interefernce with the exercise of his [civil] rights is unlawful and complains that he has not had thepossibility of submitting that claim to a tribunal meeting the requirements of Article 6 [see the Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment of 23 June 1981.... and the Sporrong and Lonnoroth judgment of 23 September 1982..] ....*

*"...... the degree of access afforded under the national legislation [must be] sufficient to secure the individual`s `right to a court`, having regard to the rule of law in a democratic society.........*

*"Certainly, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access `by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and place according to the needs and resources of the community of individuals [see Golder judgement para.38 quoting Belgian Linguistic judgement 23 July 1968 par.5]. In laying*

*down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation….” (emfasi tal-Qorti).*

*Kompliet il-Qorti; “ [42] Ghalhekk fil-kaz odjern, ghall-kontestazzjoni tar-rikorrent………hemm legalment disponibbli ghalih ir-rimedju spedit kontemplat fl-artikolu 41(4) tal-imsemmi Kap, li permezz tieghu huwa seta`, kif fil-fatt ghamel, iressaq l-ilment tieghu sabiex jigu ezaminati, u jittiehdu decizjonijiet dwarhom mill-aktar fis; u dan apparti mill-access li ghandu ghal qrati ordinarji kemm sabiex jigi determinat id-dritt sostantiv, kif ukoll taht l-Artikolu 409A TAL-Kap 12.*

*Fl-ahharnett hija opportun l-osservazzjoni, li lanqas ma validament jinghad li s-sub inciz (2) jippekka kontra l-principju tal-proporzjonalita` li huwa substratt legali ghall-konformita` ta` mizuri legislattivi fit-terminu tal-Konvenzjoni ghax l-artikolu 42…..johloq bilanc gust bejn l-interessi tal-kollettivita` u l-htiega li jigi protett id-dritt tal-propjeta tar-rikorrenti ….. ”*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta li pprezentat l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi fis-7 ta` Settembru 2016 li taqra hekk :-

*1. Illi in linea preliminari jigi rilevat li l- Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi m`hijiex il-legittimu kontradittur tal-ewwel talba attrici stante li hija qatt ma hareg l-ordni ta` skedar a tenur tal-Artikolu 46 ta l-Att dwar l-Ippjanar ta` l-izvilupp, fuq l-art imsemmija fir-rikors. Taht dan il-profil jigi osservat li l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi la ghandha u lanqas qatt ma kellha l-mansjoni u/jew il-poter li tohrog ordnijiet ta` skedar. Infatti tali poter hu biss riservat lill-Awtorita` tal-Ippjanar. Isewgi ghalhekk li l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi qatt ma kellha l-obbligu jew l-inkarigu li tinnotifika lir-rikorrenti bl-iskedar imsemmi fir-rikors stante li dan kollu ma jaqax taht il-kompetenza*

*u/jew responsabbilita` taghha. Ghalhekk dati dawn ic-cirkostanzi l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

*2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi tiddikjara li t-talbiet hekk kif dedotti ma jistghux jigu diretti fil-konfront taghha ghas-semplici raguni li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm xi forma ta` relazzjoni kif lanqas qatt ma kien hemm xi forma ta` obligazzjoni sew diretta jew indiretta mill-istess Awtorita` versu r-rikorrenti. Ghalhekk tali vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali allegatament imgarrba mir-rikorrenti qatt ma tista` tissustixxi.*

*3. Illi f`kull kaz l-azzjoni li ttiehdet u li tista` tittiehed mill- l-Awtorita` ta` l-Ippjanar hija azzjoni legittima u ragjonevoli tenut kont ta` l-isfregju ikkagunat mir-rikorrenti fis-sit taghhom, oltre il-ksur lampjanti tal-Ligijiet li jirregolaw l-Ippjanar u Ligijiet, Regolamenti u Direttivi ohra rilevanti.*

*4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti kontra l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*5. Salv eccezzjonijet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi ingunti miss isa ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet li tat fil-15 ta` Novembru 2016 fejn ordnat l-allegazzjoni ta` l-atti tar-rikorsi ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni Nru 588/16 MH fl-ismijiet *John Bonnett vs L-Awtorita` Ghall-Ambjent u Rizorsi et* u 598/2016 MH fl-ismijiet *Fiona El Hasseing noe vs L-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi et.*

Rat l-atti li kienu allegati.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat illi r-rikorrenti baqghu ma pprezentawx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw it-tliet intimati.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

<u>**Ir-rikorrent John Bonnett**</u> xehed illi hu jigi hu r-rikorrent l-iehor.

Xehed illi missierhom kellu *scrap yard* fi Triq ix-Xerriek, limiti ta` Birzebbuga.

Kien kera bicca art xaghri u kien ihallas il-kera lil certu Lippu Zammit minn Hal Ghaxaq. Spjega li dan sehh fl-1963.

Huwa jiftakar lil missieru jdahhal il-karozzi skrappjati gol-art li kien kera. Hu u hutu kienu joqghodu jilghabu fost il-karozzi li kien ikun hemm. Missieru kien gab xarabank u trakkijiet tal-Gvern fost karozzi ohra. Dawn il-karozzi kienu jintuzaw biex jitqattghu *parts* minnhom li mbaghad kienu jkun ghall-bejgh.

Xehed illi dan kien l-uniku negozju li kien jaghmel missieru. Missieru kien ihallas licenzja kull sena fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun. Hu u hutu gieli marru jhallsuha huma.

Kompla jixhed illi meta kibru, huwa baqa` jopera fl-art originali ta` missieru mentri huh ha bicca art ohra xaghri fl-istess triq ftit `l isfel biex hekk ghamlu estensjoni ta` l-istess *scrapyard.*

Qatt ma kellhom problemi sakemm fl-1996, ircevew avviz ta` nfurzar minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar.

Ighid li huwa kien sorpriz hafna minhabba li anke *tenders* tal-Gvern hadu biex jiskrappjaw vetturi qodma tal-Pulizija, ta` l-SAG, tad-Dwana u ta` xi dipartimenti tal-Gvern. Kienu anke xtraw karozzi mill-Qorti.

Qal li meta bdew jaraw il-problemi, hu u huh bdew inaqqsu l-karozzi biex jevitaw l-inkwiet. Kienu saru hafna laqghat mal-ufficjali tal-Awtorita` ta` l-Ippjanar. Min-naha taghhom dejjem imxew ma` l-istruzzjonijiet li tawhom u l-ufficjali kienu jmorru jaghmlu verifiki.

Kompla jghid li fl-2015, l-Awtorita` bdiet *direct action* kontra taghhom.

Tkellmu mal-MEPA u waslu fi ftehim li jkomplu jnaqqsu aktar ix-xoghol.

Fisser illi wara li missierhom miet fid-9 ta` Ottubru 2015, bdew il-problemi ghaliex ftit tax-xhur wara marru ghandhom l-ufficjali tal-Awtorita` ta` l-Ippjanar u marru l-kuntratturi biex ihottu kollox.

Kien ghalhekk li ghamlu din il-kawza.

Spjega li peress li kien naqqas hafna mill-i*scrap*, hafna mill-karozzi li kien ghad fadal fil-*yard* kienu karozzi tajbin u bin-numri. Kellhom ukoll il-licenzji *up to date.*

Stqarr illi huwa kien ghadu kif nefaq EUR 5,000 biex daret kabina u kaxxa ta` *truck* tal-marka Leyland li kien qed jahdem bih fl-*scrap yard.* Tal-Awtorita` qattghuh bil-*cutter* u haduh.

Sostna li dan l-ahhar, mar wiehed jismu Chris Cucciardi u qallu li huwa kien xtara Mitsubishi Pajero abjad li l-Awtorita` ta` l-Ippjanar hadu minghandu minn go l-*scrap yard* tieghu. Cucciardi beda jsaqsih dwar il-magna kenitx ghadha tajba, u talbu l-*log-book* biex jaghmillu *transfer.*

Baqa` sorpriz ghaliex induna li haddiehor qieghed jaghmel profitt minn dak li kien konfiskat lilu.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, huwa spjega li pprova kemm-il darba biex jara li jkollu permess izda permess qatt ma hareg. Huma baqghu jokkupaw l-art bhala taghhom. Missieru kien ihallas kera izda huwa baqa` ma sab xejn u ma baqax ihallas. Ma sabx l-ircevuti li kien jinghata missieru u lanqas kompla jhallas il-licenzja tal-Pulizija.

Kompla jixhed illi n-*number plate* tal-Mitsubishi Pajero huwa JBE 136. Cucciardi kien talbu l-*log book* ta` Pajero ghaliex kien xtara l-magna minghand min ha l-*scrap*. Insista li huwa baqa` ma tax il-*log book* lil Cucciardi.

**Jonathan Bonnett** xehed illi huwa jigi iben John Bonnett.

Xehed illi huwa dejjem jiftakar lil missieru jahdem go *scrap yard* flimkien man-nannu meta dan kien ghadu haj.

Dawn l-i*scrap yards* kienu ilhom jezistu ghexieren ta` snin.

Qal li n-nannu kien jirrakkontalu l-istorja ta` meta Mintoff kien jghaddi biz-ziemel minn hemm u l-klieb tan-nannu ghamlu ghaz-ziemel bil-konsegwenza li nqalghet glieda bejn Mintoff u nannuh.

Spjega li missieru kompla l-*scrap yard* tan-nannu u z-ziju Carmel kien jahdem fi *scrapyard* ftit `l isfel minn taghhom.

Xehed illi huwa dejjem jiftakar dawk l-artijiet mimlijin karozzi.

Huwa kien jahdem hemm ukoll iktar u iktar meta missieru marad.

Dawn l-ahhar snin, naqqas ix-xoghol biex jevita l-problemi mal-MEPA. Ufficjali kienu jmorru jiccekkjaw biex jaraw kinux tnaqqsu l-vetturi. Bejn Novembru 2014 u Dicembru 2015, huwa personalment rema bejn 350 u 400 vettura.

Qal li baghtu *containers* bil-magni lejn il-Marokk, l-Egittu, in-Nigerja, Ghana, Pakistan u s-Sudan.

Kompla jghid li hafna mill-karozzi li kien ghad fadal kienu ghadhom tajbin. Dawn ittiehdu minkejja li huma kienu ghadhom jahdmu bihom u qattghuhom bicciet fuq il-post. Huwa zarma hafna magni mill-karozzi u *spare parts* biex ibieghhom. Dawn ittiehdu kollha.

Spjega li wara li hadu kollox, huwa cempel lil Charles Gafa tal-MEPA biex jara x` sar mill-karozzi li hadu u dan peress li kienu qed imorru ghandhom hafna nies biex jitolbuhom *transfer* ta` hafna mill-vetturi li kienu hadulhom.

Qal li sar jaf li kienu qed jinbieghu wkoll vetturi shah u *spare parts* minn dawk li hadulhom.

Xehed illi meta staqsa lil Gafa` dwar kemm hallset il-MEPA ghall-kuntrattur tal-hadid, wiegbu li ma setax jaghtih dik l-informazzjoni, ghalkemm qallu li l-Awtorita` kellha thallas lil kuntrattur biex jarmihom.

Stqarr li dak ma kienx minnu peress li l-hadid jinbiegh bit-tunnellagg u jaf li l-kuntrattur li hadhom fil-fatt qed jaqla` minn fuq dak li ttiehed lilhom.

Spjega li meta biegh il-hadid precedentement, huwa dejjem thallas.

Sostna li meta ttiehdu l-karozzi, huwa kellu zewg karozzi li ma kinux tieghu u kien qed isewwihom. Minkejja li nforma lil MEPA b`dan, dawn xorta ttiehdu bil-konsegwenza li huwa kellu jhallas lis-sidien.

Fil-**kontroezami** sostna li Gafa` kien qallu li kellu jnehhi xi vetturi li huwa kellu go bitha ohra. Huwa nehha dawk il-vetturi minn hemm. Sostna li huwa ma kellux bzonn permess tal-MEPA biex ipoggi vetturi go hwejjgu.

**Ir-rikorrent Carmel Bonnett** xehed illi l-*scrap yard* fi Triq ix-Xerriek, limiti ta` Birzebbuga, kien bdieha missieru. Huwa jiftakar li l-art kienet xaghri u nkriet minghand certu Lippu Zammit minn Hal Ghaxaq. Huwa kien imur ma` missieru jhallas il-kera li kienet ta` Lm6 fis-sena lil Zammit. Huwa jiftakar l-ewwel vettura li ddahhlet hemmhekk li kienet karozza tat-tip Vauxhall. Qal li huwa kien qghad jilghab biha flimkien ma` huh. Minn hemmhekk, bdew dehlin aktar karozzi. Wara dik il-karozza kienet giet xarabank kulur celesti, blu u abjad u kellha n-numru 3063.

Kompla jixhed li missieru beda jgib xi trakkijiet minghand il-Gvern u beda jqatta` l-*parts* minn dawn il-vetturi u jbieghhom. In-negozju baqa` jikber. Dak iz-zmien kulma kellek bzonn sabiex tmexxi *scrapyard* kien illi thallas licenzja tal-pulizija. Missieru kien ihallas din il-licenzj kull sena fl-Ghassa taz-Zejtun.

Qal li x-xoghol ta` *scrap yard* baqa` jikber u hadd qatt ma kellmu dwaru. Qal li kien ghamel estensjoni tal-istess *scrapyard* ghal go art li kera minghand certu Pawlu Camilleri. Huwa beda jopera fl-art il-gdida li kera, mentri huh baqa` jopera l-art li kien jikri missieru. Meta staqsew lill-pulizija ghal-licenzja, dawn qalulhom li la kien l-istess negozju, ma kinitx mehtiega licenzja ohra.

Kompla jghid illi n-negozju baqa` miexi sal-1996. Kienu rebhu numru ta` *tenders* tal-Gvern biex jiehdu vetturi qodma tal-pulizija, tad-dipartiment tal-Agrikoltura u Dwana. Kienu hadu l-vetturi li l-pulizija kellhom fil-*yard* taghhom St. Andrews. Fl-1996, waslet *enforcement notice* minghand l-Awtorita` ta` l-Ippjanar biex inaqqsu l-vetturi. Huma hekk ghamlu. Saru diversi laqghat mal-MEPA fejn ighidulhom biex ikomplu jnaqqsu l-vetturi. Huma obdew l-ordnijiet li nghataw,t u l-ufficjali kienu jidhru sodisfatti bit-tnaqqis li kien qed isir.

Stqarr illi fiz-zmien precedenti l-presentata tal-kawza tal-lum, il-MEPA ghamlet *direct action.* Imbaghad intlahaq ftehim maghhom u komplew inaqqsu l-vetturi.

Kompla stqarr illi missierhom miet fid-9 ta` Ottubru 2015. In segwitu rega` marru l-ufficjali tal-MEPA meta hu kien imsiefer, sabu lit-tifla u qalulha li kienu marru biex ihottu l-karozzi. Hija marret ghand avukat biex tiehu parir legali dwar kif tista` twaqqafhom. Minkejja l-proceduri legali li ttiehdu, l-ufficjali tal-MEPA xorta nehhew kollox fuq perijodu ta` xahar. Ittiehed kollox, anke ttiehdu gebel tas-sejjieh, kif ukoll gebel li huwa kellu merfugh minn tat-Teatru l-Antik wara li kien iggarraf.

Ipprezenta l-*log books* tal-vetturi kollha li ttiehdu. Kien hemm numru minnhom li kienu *scrap* fis-sens li ma kellhomx numru ta` registrazzjoni. Pero` kien hemm ukoll hafna vetturi li kellhom *number plates* u li setghu jinstaqu. Dawn ittiehdu wkoll. Li kieku thalla jahdem il-karozzi, l-*scrap* kien ibieghhom *parts* u dawk li setghu jahdmu u li kellhom il-*plates,* kien ibieghom bhala karozzi *second hand.* Ittiehdu wkoll magni li gew mill-Ingilterra, *cranes* u trakkijiet li kien jahdem bihom.

Fisser illi l-*scrap yard* kienet l-uniku sors ta` introjtu tieghu u minnha kien jghajjex il-familja tieghu. Huwa spicca dizokkupat. Peress li kellu vetturi fuq ismu, lanqas seta` japplika ghal assistenza socjali. Huwa ghandu 60 sena u ghad ghandu tifel ta` 12-il sena u tifla ta` 15-il sena xi jrabbi. Spjega li klijenti li kellu u li kienu jigu jixtru l-*parts* minghandu issa qed imorru jixtru l-istess *parts* mill-kuntrattur li ha l-karozzi, certu Jack Steel.

Sostna li huwa kellu *parts* go garaxx li ghandu `l barra minn din l-art x` imkien iehor. Kellu wkoll hdax-il karozza hemmhekk. Minkejja li dawn kienu `l boghod xi mitt metru mill-art in kwistjoni, dawn xorta ttiehdu u qalbu l-hajt ta` mat-triq. Spjega li qalghulu zewg tankijiet ta` l-ilma li kien juza biex jixorbu l-annimali zghar li ghandu. Dawn tnehhew minkejja li huwa nfurmahom li hemmhekk ma` hemmx ilma tal-Gvern.

Xehed illi biex beda l-*scrap yard* u xtara l-karozzi, huwa ghamel id-dejn. Spicca li lanqas jista` jhallas id-dejn li ghandu. Qal ukoll li kien qed imorru nies ghandu biex jiffirmalhom il-*log book* halli jsir it-*transfer* ta` vetturi minn dawk li hadulu.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed illi ma ghamel l-ebda kuntratt ma` Pawlu Camilleri dwar l-art li jokkupa. Camilleri sempliciment qallu li meta jitolbu biex johrog, huwa jkollu johrog. Sostna li huwa applika ghal permess fuq l-estensjoni tas-sit izda permess qatt ma hareg.

**Oliver Magro** mill-Awtorita` ta` l-Ippjanar xehed illi l-uniku informazzjoni li l-Awtorita` hadet dwar il-vetturi li ttiehdu mill-*scrap yard,* kienet dwar dawk il-karozzi li kellhom in-*number plates* u li ttiehdu bhala karozzi. B` kollox kien hemm 29 karozza bin-*number plate* fuqhom liema karozzi ttiehdu ghall-*scrap*. Il-bqija tal-vetturi kienu kollha bla *number plate*.

Ipprezenta lista tal-karozzi li kellhom in-*number plates.* Dawn marru go sit licenzjat biex jiehu l-*scrap* tal-hadid u wara kellu jintbaghat *certificate of destruction* lill-Awtorita`.

Qal illi l-vetturi li ma kellhomx *number plates*, kienu jitqiesu bhala *scrap* u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jirregistraw dak li ttiehed. Huwa ma kellux rendikont ta` kemm vetturi *scrap* ittiehdu.

Stqarr illi saru 238-il vjegg biex tnehhew il-karozzi kollha li kien hemm, ossija kemm dawk bin-*number plate* u minghajr *number plate.* Spjega li jittiehed il-piz tat-trakk hu u diehel fis-sit, u hu u hiereg biex imbaghad tithallas tad-differenza bil-piz. Kien hemm *record* ta` kull trakk li dahal fis-sit in kwistjoni.

Ma nzammet l-ebda lista ta` *spare parts* li ttiehdu.

Qal li jekk kien hemm xi trakkijiet *high up* li ma kellhomx *number plate,* dawn ukoll gew ikkunsidrati bhala *scrap.*

Stqarr li kellu lista tal-piz kollu li nhareg mill-*scrap yard* ta` Bonnett u li kien depozitat ghand Jack Steel Limited. Kellu d-data, ic-*chit number* u anke l-piz ta` kull vjagg li kien sar ghand Jack Steel Limited. Ic-*chit number* tirraprezenta d-differenza tal-piz tat-trakk hu u diehel u hu u hiereg. Jack Steel Limited accetta li jircievi l-hadid b`xejn meta gie depozitat ghandu. L-Awtorita` hallset tal-vjaggi u tat-trakkijiet li ntuzaw.

Ipprezenta *certificate of destruction* ta` kull *number plate* kif ukoll ritratt ta` *number plate* fuq wara. Ic-*certificate of destruction* jinhareg minn Jack Steel Limited. In-*number plates* inghataw lura lill-Awtorita` biex din tghaddihom lil Transport Malta flimkien mac-*certificate of destruction.*

Ipprezenta wkoll ghoxrin ritratt (Dok R1 sa R20) li juru s-*sites* milqutin bi tliet *enforcements.* Ir-ritratti jkopru s-snin ta` bejn l-1957 u l-2017. Minn dawn ir-ritratti, kien jidher car li s-*sites* qabel 1978 ma kien jezisti xejn fihom hlief ghelieqi, u kien biss wara li bdew jimtlew bil-mod il-mod, sakemm fl-2016 ittiehdet id-*direct action.*

Ikkonferma li fl-1978, is-sit kien juri karozzi depozitati fih. Fit-tnejn l-ohra, l-ewwel ritratt li juri l-karozzi depozitati kien fl-1994. Wara l-1978, ir-ritratti juru li l-illegalita` baqghet dejjem tizdied.

Ipprezenta l-*invoices* li ntbaghtu lir-rikorrenti ghad-*direct action* fuq it-tlett *enforcement sites*, bl-ispejjez li nkorriet l-Awtorita` ghad-*direct action*, inkluz l-ispejjez tal-Pulizija u l-kuntrattur, kif ukoll l-ispejjez ta` amministrazzjoni.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehed illi l-Awtorita` ma kenitx thallset tal-hadid li gie mill-i*scrap.* Ikkonferma li kien hemm komunikazzjoni ma` l-Awtorita` fejn terzi xtaqu jixtru karozza u ma setghux jixtruha peress li kienet ghadha fuq isimhom u l-licenzja ma kenitx inqalbet min-naha ta` Transport Malta. Huwa baghat din l-informazzjoni lill-ufficjal tad-*direct action*, sabiex dan jaghti taghrif dwar x`gara minnhom dawk in-*number plates.* Risposta baqa` ma kellux. Ikkonferma li rcieva ittra legali dwar karozza ta` terz, li kienet inqabdet mal-vetturi l-ohra u dan it-terz ma setax inehhiha minn fuq ismu, ghax dwar il-kaz ma kellux dokumenti.

**Carmelo Zammit** xehed illi huwa ghandu ghalqa hdejn l-ghalqa ta` John Bonnett. Huwa kellu xi vetturi tieghu li kienu ghand Bonnett fosthom tlieta li kien gabhom mill-Ingilterra. Id-dokumenti ta` dawn il-karozzi kienu jinsabu go Volvo hadra *station wagon*, li wkoll ittiehdet mill-MEPA. Huwa kellu Daihatsu Charade, Austin Metro, Peugout 404, Skoda Favorit, Daewoo Racer, Volvo ahdar *station wagon*, Mercedes E Class gold u BMW blue. Tlieta minnhom kienu bla numru. Dawn il-vetturi kienu fil-*yard* ta` Bonnett peress li ma kellux fejn izommhom. Kien qed jirranga fihom biex imbaghad ihallsilhom il-mizata u jkunu jista` jaghmel uzu minnhom.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa ma hax azzjoni kontra Bonnett dwar il-vetturi tieghu. Kien jaf bil-kwistjoni li Bonnett kellu mal-MEPA. Meta marru tal-MEPA, lilu ma hallewx jidhol. Xehed illi huwa dizokkupat. Qal li huwa ghamel uzu mill-flus li wiret minghand missieru biex jixtri vetturi u wara jaqla` xi haga tal-flus bihom. Il-vetturi ta` l-Ingilterra li kienu tieghu ma kellhomx numru, licenzja jew polza ta` assigurazzjoni mhallsa.

**Emanuel Spiteri** xehed illi huwa kuntrattur tat-tindif u kellu tliet *sweepers* ghand Bonnett. Kien ihallihom hemm, ghax kellu problemi kbar dwar VAT. Wahda biss kellha *number plate.* Wahda kienet garaged u llum kienet tinsab fejn ic-cimiterju. Qal li meta sema` b`li kien qed jigri fis-sit ta` Bonnett, huwa mar hemmhekk izda ma thalliex jidhol mill-pulizija. Ma thalliex jiehu l-*sweepers* tieghu ; dawn spiccaw ghand certu Adolf li ghandu *yard* fuq ic-cimiterju.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed illi dan Adolf iqatta` l-hadid. L-*sweepers* ma kellhomx numri. Huwa ma hax azzjoni kontra Bonnett ghax dan kien qed jaghmillu pjacir meta zammhom ghandu.

**Clayton Cassar** xehed illi huwa kellu zewg karozzi gol-*scrap yard* ta` Bonnett. Dawn kienu ingiebu mill-Ingilterra. Id-dokumentazzjoni relatata maghhom kienet kollha go *dash board* ta` vettura minnhom. Il-vetturi kellhom bzonn tiswijiet u ghalhekk tpoggew hemm biex jissewwew. Huwa kien xtara Mercedes ghal EUR 7,600 u Polo ghal EUR 4,200. Qal li ma jafx fejn marru dawn il-vetturi.

**Dylan Darmanin** xehed li huwa kellu seba` vetturi ghand Bonnett.

Spjega li dawn il-vetturi kollha kellhom *number plate.* Kien xtrahom fis-suq lokali. Poggihom ghand Bonnett sabiex meta jkollu cans joqghod idurhom. Huwa kellu biss kopji tal-*logbooks* ta` l-vetturi ghax il-*logbooks* originali kienu

gol-karozza u baqghu hemm. Il-vetturi haduhom il-MEPA. Huwa ma kienx thalla jidhol gos-sit meta kienu qed jitnehhew il-vetturi. Qal li l-vetturi kienu karozzi sbieh antiki.

**Anthony Tanti** xehed li huwa jmexxi it-"Topper Auto Dealer" mnejn ibiegh u jixtri karozzi. Spjega li Bonnett kien jiehu xi karozzi minghandu u kien ibieghhom ; imbaghad ma` kull wahda li jbiegh, Bonnett kien jaghtih il-flus u jsir it-*transfer*. Bonnett mar ghandu u qallu li kienu hadulu l-vetturi li kien ghadu ma bieghx. Il-vetturi li kienu ghand Bonnett kienu kollha ghadhom tad-ditta tieghu. Ipprezenta kopja tal-*logbooks* tal-vetturi in kwistjoni peress li l-originali kienu ghand Bonnett. Il-vetturi li kienu ghand Bonnett biex ibieghhom kellhom in-*number plates*. Bonnett ghandu jaghtih ma` l-EUR 35,000. Spjega li hadd ma mar fuqu u talbu li jaghmel *transfer* tal-vettura.

Fil-**kontroezami** xehed illi huwa kien jaghti l-*logbook* lil Bonnett ghaliex kien ilu jafu. Huwa ma kienx jaf fejn Bonnett kien ipoggi l-vetturi.

**Emanuel Degabriele** xehed illi huwa kellu vann Hyundai H100 iggaraxxjat u Fiat Tempra ghand Bonnett. Huwa kellu kopja taz-zewg *logbooks*. Il-vann kellu bzonn *gear box* li ma seta` jsib imkien u ghalhekk hallieh ghand Bonnett forsi dan jirnexxilu jsib. Il-vettura l-ohra kellha bzonn xi *parts*. Din kellha l-licenzja mhallsa imma kellha bzonn fanal u bumper. Huwa kien qed jistenna li l-vetturi jissewwew. Meta tinstab il-*gearbox* tal-vann, huwa kien behsiebu jiehu l-vann ghand mechanic ghat-tiswija. Lil Bonnett kien ser ihallsu tal-*gearbox* jekk jirnexxielu jsib. Ma kellux ftehim dwar hlas lil Bonnett talli dan kien qed izomm l-vetturi fil-*yard* tieghu.

Xehed illi l-*logbooks* thallew gol-vetturi. Meta staqsa lil Bonnett jekk kienx sablu xi haga, dan infurmah li l-MEPA kienu hadulu kollox. Meta mar jiccekkja mal-MEPA innota li l-Fiat kienet qeghda ghandhom. Din il-vettura kienet tiswa ma` l-EUR 700 mentri l-vann kien jiswa ma` l-EUR 1,500. Huwa ma talab ebda flus minghand Bonnett tal-vetturi billi kienu haduhom il-pulizija.

**Carmel Gafa`** mill-Awtorita` ta` l-Ippjanar xehed illi huwa kien ilu mill-2013 jokkupa l-kariga ta` Principal Direct Action Coordinator fid-Direttorat tal-Infurzar – Sezzjoni - *Direct Action*. Ix-xoghol tieghu jinvolvi t-twettieq u l-ezekuzzjoni tal-azzjonijiet ta` infurzar dwar *enforcement notices* li tkun harget l-Awtorita` fil-kazi fejn il-*contravener* ikun naqas milli jottempera ruhhu mal-ordni lit kun qeghda fl-*enforcement notice* u jibqa` jippersisti bl-illegalita` tieghu. minnu kommessa. Il-proceduri kienet tapplika ghar-rikorrenti. L-*enforcement notices* li kienu hargu kontra taghhom igibu r-referenza ECF 69/96 u ECF 11/14.

Xehed illi l-izvilupp imwettaq mir-rikorrenti fl-artijiet in kwistjoni kien jikkonsisti fil-konverzjoni ta` art agrikola ghal post fejn jinzamm l-*scrap* u fejn jinhaznu vetturi uzati. Dak l-izvilupp jirrikjedi permess ta` l-izvilupp, liema permess kien mehtieg anke fi zmien qabel kienet kostitwita l-Awtorita`.

Kompla jixhed illi la l-art okkupata minn John Bonnett (soggetta ghall-*enforcement notice* ECF 69/96) u lanqas l-art okkupata minn Carmel Bonnett (soggetta ghall-*enforcement notice* ECF 11/14) ma kienu koperti b`xi forma ta` permess ; la permess tal-MEPA u lanqas permess tal-PAPB. Iz-zewg rikorrenti lanqas ma kellhom xi forma ta` licenzja ghall-operat ta` dawn l-*scrap yards* mahruga mill-pulizija jew minn entita` ohra. L-art in kwistjoni kienet tgawdi minn protezzjoni minhabba l-importanza agrikola taghha.

Ikkonferma l-kontenut tar-risposta ghar-rikors kostituzzjonali tal-lum kiz ukoll ir-risposti li saru fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` zewg mandati ta` inibizzjoni.

Stqarr illi mir-*records* ta` l-Awtorita` jirrizulta li saru 109 spezzjonijiet fuq is-sit. Uhud minn dawn l-ispezzjonijiet imorru lura sal-1996. Qabel mal-Awtorita` mexxiet bl-ewwel tentattiv ta` *direct action,* huma kienu wissew lir-rikorrenti kemm-il darba sabiex iwaqqfu l-illegalita` taghhom u biex inaddfu l-ghelieqi in kwistjoni u t-toroq tal-madwar izda t-twissijiet ma swew ghalxejn. Kien ghalhekk li l-Awtorita` kellha tmexxi bid-*direct action* sabiex twaqqaf l-illegalita` hi.

Kompla stqarr illi l-ewwel tentattiv ta` *direct action* kien dak ta` l-24 u tas-26 ta` Gunju 2014 li kienet azzjoni ta` infurzar relattiva ghall-*enforcement notice* li kienet harget kontra Carmelo Bonnett. Din id-*direct action* waqqfet wara li l-Awtorita` kienet notifikata li r-rikors 970/2014 ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kien milqugh provizorjament mill-Qorti. Sussegwentement wara talba ta` Carmelo Bonnett saret laqgha ghand l-Awtorita` bil-ghan li Carmelo Bonnett jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu billi jnaddaf is-sit in kwistjoni. Fil-laqgha, Carmelo Bonnett kien talab li jinghata cans iehor sabiex inaddaf l-ghalqa huwa stess u ghal dan il-ghan kien obbliga ruhu li jnehhi minn fuq is-sit ghaxar tunnellati ta` materjal kuljum, sakemm titnaddaf l-ghalqa kollha. L-Awtorita` kienet ikkoncediet dan ic-cans lil Carmelo Bonnett u dan irtira t-talba ghall-hrug tal-mandat.

Xehed illi wara din il-laqgha, saru aktar spezzjonijiet fis-sit okkupat minn Carmelo Bonnett u hareg car illi dan ma kellu l-ebda ntenzjoni li jnaddaf is-sit. Fil-fatt aktar ma beda ghaddej iz-zmien, aktar beda jonqos l-ammont ta` *scrap* li kien qed jinhareg mill-ghalqa.

Ipprezenta rapport li juri l-ammont ta` *scrap* li Carmelo Bonnett kien obbliga ruhu li jnehhi minn fuq is-sit fiz-zmien l-ewwel sitt xhur u l-ammont ferm inqas ta` scrap li attwalment kien qed jinhareg mill-ghalqa. Qal li l-ammont ta` *scrap* li Bonnett beda jnehhi qatt ma kien sodisfacjenti u kien ferm anqas mill-ghaxar tunnellati li kien obbliga ruhu li jnehhi. Eventwalment Carmelo Bonnett rega` beda jiddepozita *scrap* iehor fl-ghalqa, liema fatt huwa kkonfermat minn ritratti li kienu prezentati fl-atti taz-zewg rikorsi ghall-hrug ta` mandate ta` inibizzjoni.

Fisser illi fil-frattemp fis-6 ta` Mejju 2015, issejhet laqgha ma` Carmelo Bonnett, John Bonnett u Jonathan Bonnett fir-rigward tal-*enforcement notice* ECF 69/96 li kienet hareg fuq is-sit adjacenti ghal dak ta` John Bonnett, li fil-prattika jistghu jitqiesu bhala sit wiehed ta` cirka ghaxart itmiem raba`. Tenut kont tal-kobor tas-sit okkupat minn John Bonnett, u l-entita` tal-illegalita` mwettqa fuq l-istess, kien suggerit minn Bonnett li jnaddaf is-sit f` diversi fazijiet. John Bonnett obbliga ruhu li jnaddaf l-ewwel fazi sas-6 ta` Novembru 2015.

Kompla fisser illi matul dan iz-zmien, huwa flimkien ma` ufficjali ohra ta` l-Awtorita` baqghu jispezzjonaw iz-zewg siti b` mod regolari u mill-ispezzjonijiet irrizulta li l-istat hazin ta` l-gheliqei ftit li xejn tjieb. John Bonnett kien inghata estensjoni b` xahar iehor wara s-sitt xhur li fihom kellu jnaddaf parti sostanzjali mis-sit in kwistjoni. Fil-11 ta` Awissu 2015 sar tentattiv iehor ta` *direct action* fuq l-art okkupata minn Carmelo Bonnett. Huwa kien rinfaccjat b`ghajjat u theddid min-naha ta` Carmelo Bonnett u huwa kien ikkonceda lil Bonnett opportunita` ta` l-ahhar sabiex inaddaf is-sit huwa stess fi zmien ta` mhux aktar minn xahar. Carmelo Bonnett kellu jirranga ma` xi kuntrattur sabiex dan jiehu l-*scrap* minn fuq is-sit. Pero` Carmelo Bonnett baqa` ma naddafx is-sit.

Xehed li z-zewg siti baqghu jigu spezzjonati regolarment u minn dawn l-ispezzjonijiet deher evidenti li l-ebda wiehed mir-rikorrenti ma kellu l-intenzjoni vera li jnaddaf. Kull wiehed minnhom baqa` jippersisti bl-illegalita`. Ghalhekk, fid-19 ta` April 2016, sar tentattiv iehor ta` *direct action* fuq iz-zewg siti flimkien. Waqt l-ezekuzzjoni ta` l-azzjoni ta` infurzar, sabu rezistenza qawwija min-naha tar-rikorrenti u eventwalment ghall-habta tal-11.30am, id-*direct action* fuq is-sit okkupat minn John Bonnett kellha tigi sospiza ghaliex l-Awtorita` giet notifikata b`rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni li kien milqugh provizorjament. L-ezekuzzjoni ta` l-ordni ta` infurzar kompliet fuq is-sit okkupat minn Carmelo Bonnett sakemm imbaghad ghal habta ta` l-4.00pm l-Awtorita` giet notifikata b`rikors iehor ghall-hrug ta` mandate ta` inibizzjoni li wkoll kien milqugh provizorjament.

Qal li t-talba ghall-hrug tal-mandati kienet michuda b`mod definittiv u l-Awtorita` setghet finalment tghaddi sabiex tezegwixxi l-azzjonijiet ta` infurzar.

Kompla jghid illi ghall-ezekuzzjoni ta` l-azzjonijiet ta` infurzar, kienet mehtiega l-assistenza tal-Cleansing Directorate u ta` Jac Steel Limited – operator b` licenzja tal-ELV (*End of Life Vehicles)* li ghandu sit licenzjat sabiex jipprocessa u jiddisponi mill-*scrap.* Id-*direct action* fuq iz-zewg siti bdiet titwettaq fid-9 ta` Gunju 2016. L-iskop ta` tali azzjoni kien li titwaqqaf l-illegalita`, billi jitnaddfu z-zewg siti mill-*scrap* u materjal iehor. Kieku r-rikorrenti naddfu l-artijiet huma stess, ma kinux jintefqu l-ispejjez li kellha tinkorri l-Awtorita`, ghar-rimbors ta` liema spejjez l-Awtorita` sejra tipprocedi kontra r-rikorrenti sabiex tirkuprahom minghandhom. Qal li huwa ta direzzjoni cara sabiex waqt l-ezekuzzjoni ta` l-azzjonijiet ta` infurzar, ir-rikorrenti jinghataw l-opportunita` shiha li jiehdu l-materjal kollu li deherilhom li kien ta` valur ghalihom u li riedu jzommu ghalihom, basta ma jkunx hemm xkiel min-naha taghhom fix-xoghol tal-Awtorita`. Spjega li l-materjal kollu, kemm jekk *scrap,* kemm jekk vetturi uzati, u kull materjali iehor li r-rikorrenti dehrilhom li kien ta` valur ghalihom, tnehha minn fuq is-sit mir-rikorrenti stess u nzamm minnhom.

Kompla jghid illi r-rikorrenti sahansitra nkarigaw lir-Roc-A-Go sabiex jaccedi fuq is-sit bl-ingenji tieghu waqt l-ezekuzzjoni tal-azzjonijiet ta` infurzar u jghabbi kull vettura uzata u materjal iehor li r-rikorrenti riedu jzommu ghalihom. Qal li waqt li kienu ghaddejjin l-azzjonijiet ta` infurzar, huwa rcieva telefonata anonima fejn kien allegat li kienu qed jigu depozitati xi karozzi uzati fil-Fortizza Benghasja. Wara li saru investigazzjonijiet, irrizulta li hekk kien il-kaz. Kienu karozzi li Carmelo Bonnett kien inghata opportunita` li jnehhi li ttiehdu fil-Fortizza Benghajsa. Carmelo Bonnett kien imwissi bl-izvilupp illegali ulterjuri li kien qed jaghmel u fil-fatt il-vetturi tnehhew minn Bonnett fi zmien 24 siegha.

Stqarr illi t-twettieq ta` l-azzjonijiet ta` infurzar hadu b` kollox gimgha sabiex jigu konkluzi biex b`hekk l-ghaxart itmiem raba` gew imnaddfa kompletament.

Qal li in segwitu, John Bonnett u ibnu rega` bdew iwettqu zvilupp illegali iehor billi bdew jiddepozitaw vetturi gewwa razzett li jinsab biswit l-art okkupata minnhom. Dan il-kaz baqa` jigi segwit mill-Awtorita` sakemm ir-razzett tnaddaf.

Qal li dan il-kaz huwa wiehed jahraq. Fil-fatt l-operatur tal-ELV site li kien qed jassisti lill-Awtorita` kien anke talab ghall-assistenza tal-pulizija sabiex

dawn jghassu s-sit tieghu matul il-lejl minhabba li kien qed jigi mhedded u kien hemm il-biza li jigi kommess xi att vandalu. Spicca kellu jistalla cameras tas-sigurta`.

**<u>Frankie Scerri</u>** – Ufficjal tal-Infurzar - Direttorat tal-Infurzar - Awtorita` ta` l-Ippjanar - xehed illi huwa kien inkarigat sabiex jiehu hsieb l-azzjoni ta` infurzar fuq zewg ghelieqi li r-rikorrenti kienu kkonvertew fi *scrap yards* minghajr permess. Id-*direct action* kienet tinvolvi t-tnehhija kompleta ta` ammont estensiv ta` *scrap* ta` vetturi uzati, *scrap* ta` materjal iehor u skart, liema materjal kien gie depozitat illegalment mir-rikorrenti fl-ghelieqi li jinsabu fi Triq Ghar Dalam bejn iz-zonaa maghrufa bhal Tax-Xerrik u z-zona maghrufa bhala In-Nigret, limiti ta` Birzebbuga. Dawn l-*scrap yards* illegali kienu kolpitii fost ohrajn bl-avvizi ta` infurzar ECF 69/96 u ECF 11/14. L-*enforcement notice* ECF 69/96 harget fil-konfront ta` John Bonnett u l-art okkupata minnu, filwaqt li l-*enforcement notice* ECF 11/14 harget fil-konfront ta` Carmelo Bonnett u l-art okkupata minnu.

Kompla jixhed illi l-konverzjoni ta` zewg ghelieqi fi *scrap yards* illegali li ghamlu r-rikorrenti huwa zvilupp li jehtieg permess, liema permess kien mehtieg anke qabel ma kienet tezisti l-Awtorita`. L-ebda ghalqa mit-tnejn ma kienu koperti minn xi forma ta` permess. Ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda licenzja ghall-operat ta` dawn l-*scrap yards* mahruga mill-Pulizija jew entita` ohra. Addirittura jirrizulta li l-ghelieqi in kwistjoni kienu protetti minhabba l-importanza agrikola taghhom.

L-azzjoni ta` infurzar fuq iz-zewg *scrap yards* illegali in kwistjoni ittiehdet fid-9 ta` Gunju 2016 wara diversi opportunitajiet li kienu nghataw ir-rikorrenti sabiex inaddfu l-ghelieqi. Dakinhar tad-9 ta` Gunju 2016, ghall-habta tal-5.00 a.m., hu flimkien ma` *senior enforcement officers* Steve Austin u Manuel Borg u mal-*enforcement officers* Kevin Gauci u Nicholas Vassallo ltaqghu Kordin mar-rapprezentanti tal-*Cleansing Department* li ssejhu sabiex jassistu fit-tindif tas-siti u ma` pulizija mir-*Rapid Intervention Unit* u mill-*Administrative Law Enforcement Unit* tal-Pulizija. Kien hemm ukoll impjegati tal-kuntrattur li kien inkarikat sabiex jassisti lill-Awtorita` fl-ezekuzzjoni tal-azzjoni ta` infurzar.

Minn hemm marru lkoll is-sit biex titnizzel l-ghodda necessarja . Fuq is-sit kolpit bl-avviz ta` infurzar ECF 11/14 kien hemm Carmel Bonnett. L-access ghall-*scrap yard* l-ohra kien imblukkat b` gaffa ta` John Bonnett. Il-pulizija hadu mizuri sabiex din il-gaffa ma tkunx tista` tigi utilizzata biex tintimida lill-ufficjali prezenti.

Qal li Jonathan Bonnett kien irrabbja u ghajjat mal-ufficjali prezenti. Dan issakkar gol-gagga tal-gaffa u rrifjuta li johrog minn hemm. L-ufficjali ppruvaw jikkonvincu lil Bonnett johrog u jassisti matul ix-xogholijiet kollha kif ukoll jiehu dawk il-vetturi li xtaq, bil-kundizzjoni li ma jfixxkilx ix-xoghol li kien qed isir. Eventwalment, Jonathan Bonnett hareg mill-gaffa u din tressqet fil-genb biex b` hekk bdew jinghataw l-ewwel struzzjonijiet biex jitghabbew l-ewwel karozzi minn fuq is-sit. Kompla jghid li l-agir ta` Jonathan Bonnett mar ghall-aghar tant li kien qabad gebla mdaqqsa u pprova jaghmel hsara fuq l-*escavator* tal-kuntrattur. Finalment, Jonathan Bonnett u huh Kurt spiccaw imrazzna u arrestati.

Stqarr illi fl-istess hin kien hemm prezenti John Bonnett li nghata l-opportunita` shiha li jaghzel u jzomm il-karozzi kollha li setghu kienu ta` valur ghalihom. Dawn il-vetturi u oggetti ohra li John Bonnett ried izomm ghalih, tnehhew minn fuq is-sit minn Bonnett stess u l-hbieb u familjari li kienu qed jassistuh.

Aktar tard fit-tieni gurnata tad-*direct action*, ir-rikorrenti nkarigaw lill-kumpannija Roc A Go sabiex tghabbi l-vetturi kollha u materjal iehor li huma riedu jzommu ghalihom.

Zied jghid li fl-istess gurnata beda x-xoghol ukoll fuq is-sit kopert bl-avviz ta` infurzar ECF 11/14. Hemmhekk gew uzati z-zewg gafef tal-*Cleansing Department* u diversi trakkijiet. Permezz ta` dawn l-ingenji beda jitnehha l-ammont kbir ta` materjal li kien gie depozitat fl-ghalqa matul is-snin. Anke fir-rigward ta` dan is-sit, Carmelo Bonnett thalla jiehu l-vetturi u oggetti li setghu kienu ta valur ghalih.

L-azzjoni diretta kompliet nhar l-10, 11 u 12 ta` Gunju 2016 fuq iz-zewg siti. Spjega li fit-13 ta` Gunju 2016 ma sarux xogholijiet izda r-rikorrenti thallew jkomplu jnehhu dak kollu li xtaqu mill-ghelieqi. Fl-14 ta` Gunju 2016, kompla x-xoghol mill-Awtorita. Tnehha l-kumplament tal-*scrap*, skart u kull tip ta` materjal iehor li kien ghad baqa` fl-ghelieqi u li ma kienx ittiehed mill-atturi stess billi ma kienx ta` valur ghalihom.

Iz-zewg ghelieqi effett tad-*direct action* gew imregga` lura ghall-istat originali taghhom u b`hekk twaqqaf l-izvilupp illegali li kien ilu jippersisti ghal numru ta` snin.

**Perit Michelle Piccinino** mill-Awtorita` ta` l-Ambjent u Rizorsi xehdet illi s-sid tal-ghelieqi in kwistjoni ma kellux u ma ghandux il-licenzja necessarji u

l-permessi ambjentali biex jopera s-sit bhala *scrapyard*. L-Awtorita` hadet *over* dawk li kienu permessi minn naha tal-MEPA. Qatt ma kien kellu licenzja ambjentali fuq is-sit.

## III. <u>L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi</u>

**L-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi eccepiet illi mhijiex il-legittima kontradittur tar-rikorrenti u li lanqas m`ghandha xi relazzjoni guridika maghhom.**

Il-Qorti tosserva illi ma tressqux provi mir-rikorrenti li l-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi ghandha jew kellha s-setgha li tohrog ordnijiet ta` skedar.

L-Awtorita` tikkontendi li dik is-setgha hija riservata lill-Awtorita` tal-Ippjanar.

L-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi tishaq li mar-rikorrenti qatt ma kien hemm relazzjoni da parti taghha, kif lanqas qatt kien hemm xi obbligazzjoni sew diretta jew indiretta min-naha taghha mar-rikorrenti.

Fil-fatt irrizulta li din l-Awtorita` ma kenitx involuta fit-twettieq tal-azzjoni ta` infurzar li minnha qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti.

Il-Qorti hadet konjizzjoni ta' l-A.L.109 tal-2016 (Sl 549.104) fejn bir-Reg 3, hemm stipulate illi l-Awtorita' ghall-Ambjent u Rizorsi assumiet ir-responsabbilita' tal-funzjonijiet li kienu jappartjenu lid-Direttorat ghall-Protezzjoni ta' l-Ambjent fi hdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b' effett mill-4 ta' April 2016. Ghalhekk, kif gustament inghad, din l-Awtorita` twiegeb biss u limitatament ghal dawk il-funzjonijiet, u mhux ghal xi funzjoni ohra li seta' kienet fdata lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**Wara li rat l-atti, il-Qorti ssib li z-zewg eccezzjonijiet huma fondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalhekk qeghda tilqaghhom it-tnejn. Qeghda tillibera lill-Awtorita` ghall-Ambjent u Rizorsi mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk ukoll qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra taghha.**

## IV. L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u eccezzjoni simili ta` l-Awtorita` tal-Ippjanar

**Kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-Awtorita` ta` l-Ippjanar qeghdin jeccepixxu li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta, billi ma ezawrewx mezzi xierqa ta` rimedji li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom skont il-ligi.**

### 1. Dritt u gurisprudenza

Mhuwiex l-iskop ta` proceduri kostituzzjonali li jiehdu post procediment ordinarju. Lanqas ma huwa l-kompitu ta` qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali li jittrattaw u jiddeciedu kwistjonijiet bhala alternattiva ghall-qrati ordinarji. Qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali m`ghandhiex taqdi funzjonijiet li l-ligi tassenja lill-qrati ordinarji. Inkella jigri li persuni jibdew jirrikorru ghal azzjoni kostituzzjonali meta m`ghandhomx. Min-natura taghha, azzjoni kostituzzjonali hija straordinarja u hija ntiza sabiex tindirizza ilment kontra l-Istat dwar ksur ta` jedd kostituzzjonali jew konvenzjonali. Rikorrent fi procediment kostituzzjonali m`ghandux jippretendi li jinghata rimedju minn qorti kostituzzjonali meta l-ilment tieghu kellu jigi trattat quddiem qorti ordinarja biex din taghtih rimedju li tahseb ghalih il-ligi ordinarja.

Fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` Mejju 2006 fil-kawza **<u>Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qorti tal-Gustizzja</u>** nghad illi :-

> *"Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta` ridress tipprovdi mod ta` soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma` l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi tieghu."*

Fid-decizjoni li tat fl-14 ta` Mejju 2004 fil-kawza **<u>David Axiaq vs L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali rrimarkat illi sabiex tirnexxi eccezzjoni dwar non-ezawriment tar-rimedji, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-persuna kellha mezz **<u>xieraq</u>** ta` rimedju taht xi ligi ohra :

*"Ghalkemm huwa minnu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha s-setgha ("…tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel…") li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-artikolu korrispondenti fil-Kap. 319, tali setgha ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b`mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-qofol tal-vertenza kollha johrog mill-fatt li hemm policy (mhux ligi) li l-pleasure boats licenzjati ghad-Dwejra ta` Ghawdex ikunu tmienja biss. Bhala fatt din il-policy tillimita n-numru ta` dghajjes li jigu licenzjati biex jahdmu f`dak il-lokal, u fil-kaz ta` l-appellant din il-policy kienet ir-raguni wahdanija u vera ghala llicenzja tieghu ghas-sena 1997 ma gietx imgedda. Issa, ma hemmx dubbju li awtorita` amministrattiva – anke awtorita` li ghandha s-setgha li tohrog licenzji – jista` jkollha policy li tillimita n-numru ta` licenzji li johorgu, basta li dik id-decizjoni (ghax policy hi effettivament decizjoni) ma tkunx tikkozza ma xi haga li hemm fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Biex policy ma tkunx "mod iehor kontra l-ligi" (Art. 469A(1)(b)(iv), Kap. 12) dik il-policy trid tkun ukoll tali li fitthaddim taghha fil-kaz partikolari ma tkunx tammonta ghal vjolazzjoni ta` xi disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma` l-ewwel Qorti fejn din irriteniet li l-appellant, allura rikorrent, ma kienx qed ifittex li jwaqqa` l-policy in kwistjoni minhabba li din tmur kontra, inter alia, il-Konvenzjoni. Huwa evidenti mill-bran segwenti, mehud verbatim mir-rikors promotorju, li lappellant quddiem l-ewwel Qorti kien effettivament qed jallega li l-applikazzjoni ta` din il-policy – jekk hux direttament jew minhabba l-intervent ta` l-Ombudsman hu rrelevanti – ghall-kaz tieghu u cioe` biex ma tigix imgedda licenzja validament mahruga kienet tammonta ghal vjolazzjoni inter alia kemm ta` l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll (in kwantu qed jigi mfixkel fit-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" tieghu) kif ukoll ta` l-Artikolu 14 ta`*

*listess Konvenzjoni (in kwantu qed issir distinzjoni fuq bazi mhux oggettiva u ragjonevoli):*

*"Illi in oltre, fil-waqt li l-Awtorita` qieghda tirrifjuta li ggedded il-permess ta` l-esponent, fl-istess hin qeghda ggedded il-permessi ta` persuni ohra li ghandhom licenzja biex joperaw passage boat fid- Dwejra u f'postijiet ohra fil-gzejjer Maltin, u tohrog permessi godda biex persuni ikunu jistghu joperaw passage boats fil-gzejjer maltin. Din l-ghazla qieghda ssir minghajr ebda gustifikazzjoni razzjonali, tikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarj kontra lesponent fit-termini ta` l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom id-dritt ghall-proprjeta`, id-dritt ghax-xoghol u d-dritt ghal smiegh xieraq."*

*Pero` jista` jinghad li r-rimedju talvolta disponibbli wara kawza ghal stharrig gudizzjarju fil-kaz in dizamina seta` jkun wiehed xieraq, cioe` wiehed effettiv? Kif inhu risaput, f'kawza ghal stharrig gudizzjarju r-rimedji li tista` taghti l- Qorti huma limitati hafna – anke d-danni li jistghu jinghataw huma limitati b'dak li jiddisponi s-subartikolu (5) tal-Artikolu 469A. Il-Qorti f'kawza ghal stharrig gudizzjarju ma tistax tissostitwixxi ruhha ghall-awtorita` li tkun u, per ezempju, tordna li tinhareg il-licenzja li tkun giet rifjutata mill-awtorita` kompetenti. F'kawza bhal dik odjerna, invece, ma hemm xejn xi jzomm lill-Prim Awla, filkompetenza Kostituzzjonali u/jew "Konvenzjonali" taghha, li tordna li tinhareg il-licenzja jekk, per ezempju, jirrizulta li l-licenzja li kienet inharget lill-appellant kienet tammonta ghal "possediment" u li fir-rifjut tat-tigdid u/jew flapplikazzjoni tal-policy tal-closed shop ma jkunx hemm bilanc gust bejn l-interessi ta` Axiaq u dawk tal-komunita` in generali. Ghalhekk biss – u cioe` apparti konsiderazzjonijiet ohra li jissemmew fir-rikors ta` appell li pero` din il-Qorti tara li ma hemmx ghalfejn tidhol fihom – din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta` l-ewwel Qorti li l-appellant kellu mezz xieraq ta` rimedju taht xi ligi ohra."*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mediterranean Film Studios Limited vs Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et</u>** fil-31 ta` Ottubru 2003 :

*" … Tajjeb li wiehed jirribadixxi r-raison d`etre taz-zewg proviso li gew applikati mill-ewwel Qorti. Kif gie diversi drabi osservat kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) l-akkoljiment o meno ta` "eccezzjoni" ibbazata fuq il-proviso in kwistjoni jew addirittura l-applikazzjoni ex officio talproviso mill-Qorti hu fid-diskrezzjoni ta` l-istess Qorti. "Il- Qorti la trid li jsiru kawzi kostituzzjonali bla htiega u lanqas tista` timpedixxi cittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher `prima facie` li ghandu kaz serju li jista` jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem" (**<u>Oliver Siracusa noe. v. L-Onorevoli Prim Ministru noe. et</u>**, P.A. 21/1/88, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta` Novembru, 1989; ara wkoll **<u>Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et</u>**, P.A. 28/9/90, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Jannar, 1991). Fi kliem iehor, iddiskrezzjoni taht iz-zewg proviso in kwistjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta` l-amministrazzjoni talgustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b`kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta` Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Tonio Vella v. Kummissarju tal- Pulizija et</u>** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` April, 1991), fejn intqal hekk: Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din iddiskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda `l wahda tkun tista` twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista` timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta` min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex irrimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b`hekk biss il-Qorti tkun tista` tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha.*

*Din il-Qorti zzid tosserva li dak li l-qorti trid tkun sodisfatta minnu hu li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent. Il-mezz xieraq ta` rimedju irid ikun wiehed otenzjalment effettiv – cioe` wiehed li jista`, jew seta kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma tal-ksur ghal dak ilksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b`mod li l-vittma jitqieghed fl-istatus quo ante. Kollox jiddependi, kif inghad, fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz."*

Fid-decizjoni tas-27 ta` Frar 2003 fil-kawza **John Sammut vs Awtorita` ta` l-Ippjanar** il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi :-

*"Skond il-gurisprudenza kostanti ta` dawn il-Qrati, sakemm tibqa` l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista` tigi retifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita` s-setghat kostituzzjonali taghha. (Q.K.* ***Zahra vs Awtorita` ta` l-Ippjanar*** *31.5.99).*

*F`kazijiet bhal dawn il-Qorti trid tara jekk ir-rikorrent ezercitax ir-rimedji kollha li taghtih il-ligi ordinarja. Ilgurisdizzjoni ta` dina l-Qorti tibda wara li r-rimedji ordnijarji jkunu spiccaw u r-rikorrent ma jkollu ebda triq ohra hlief li jilmenta minn ksur ta` dritt fundamentali taht il- Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja (Qorti Kostituzzjonali Spiteri vs P.A. 25/6/99)"*

…

*"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew iddisposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens (Ara f`dan ir-rigward is-sentenza ta` din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta` April,*

*2000 fl-ismijiet* ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et****.; kif ukoll is-sentenza ta` din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta` Mejju, 2000 fl-ismijiet* ***Teddy Rapa v. Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et.****)* *In fatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur taddrittijiet fondamentali ("…ghall-ksur allegat…") izda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…" favur il-vittma.*

*Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha – kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta` dan il-proviso hu fiddiskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bhal kull diskrezzjoni, din ghandha tigi ezercitata b`mod korrett u tkun diretta ghall-iskop li ried jilhaq il-legislatur. Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn; mill-banda l-ohra dan ilproviso m`ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher prima facie li ghandu kaz serju li jista` jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla u din il-Qorti ma jigux inundati b`kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm altrimenti rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mirrimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319 (Ara* ***Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et*** *Q.K. 15/1/91,* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *Q.K. 5/4/91,* ***Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija*** *Q.K. 14/6/95. ).*

(ara wkoll : PA/K : 21 ta` Ottubru 2003 : **Joseph sive Peppi Azzopardi pro et noe vs Joseph Scerri et noe)**

Fid-decizjoni li tat fis-27 ta` Frar 2009 fil-kawza **Joseph Bellizzi et vs L-Awtorita` Marittima ta` Malta et** il-Qorti Kostituzzjonali osservat :-:

*"Illi l-principji li jirregolaw l-eccezzjoni ta` ezawriment ta` rimedji huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza nostrali b`dan li inghad li:-*

*"(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, rrikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali;*

*"(b) Li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta`natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha;*

*"(c) M`hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu;*

*"(d) Fil-fatt in-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent m`huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta`xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghallilment tieghu;*

*"(e) In-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk seta` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tarrikorrent – minhabba l-imgiba ta` haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (P.A. (K) (VDG) "**Victor Bonavia vs. L-Awtorita` ta` l-Ippjanar et"** - 9 ta` Frar 2000);*

*"(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) taddiskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tattieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Q.K. "**Vella vs. Bannister et**"– 7 ta` Marzu 1994 - Kollez Vol. LXXXVIII.i.48) u (Q.K. "**Visual & Sound Communications Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija"–** 12 ta` Dicembru 2002);*

*"(g) Meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex lindagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza` s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja talkaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali (P. A. (K) "**Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija"–** 29 ta` Marzu 1993); (Q.K. "**David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku**"– 15 ta` April 2004).*

*"(h) Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Q.K. **Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et**"– 31 ta` Ottubru 2003).*

*"Illi ghalhekk dan il-proviso mhux xi wiehed li jista` jittiehed b`mod laxk jew kapriccuz u zgur li mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta` li tiehu konjizzjoni ta` lamentela kostituzzjonali dwar allegat ksur ta` dritt fundamentali izda tfisser biss li l-Qorti ghandha l-obbligu li f`certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita` s-setghat taghha f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra, ghaliex altrimenti tkun qeghda tagixxi ta` Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi b`dan ghalhekk li ilment ta` natura kostituzzjoni ghandu jsir biss wara li rrimedji ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, l-Qorti m`ghandhiex tikkunsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak ilpossibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti llanjanzi tar-rikorrent. "**Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru**" (PA – 21 ta` April 1995)*

## 2. Risultanzi

Abbazi ta` l-gurisprudenza fuq referita (u aktar li ma kenitx citata u li tikkonferma anke dik) sabiex eccezzjoni ta` din ix-xorta tkun milqugha, il-Qorti trid tkun sodisfatta : (i) li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrenti ; u (ii) li l-mezz xieraq ta` rimedju kien effettiv u cioe` kien wiehed li jista`, jew seta` kieku kien utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma ghal dak il-ksur, jew altrimenti kien jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti ntavolaw dan il-procediment ghaliex kontra r-rikorrent John Bonnett hareg avviz ta` nfurzar ECF 69/96 li permezz tieghu dan ir-rikorrent kien infurmat li wettaq zvilupp illegali konsistenti fil-konverzjoni ta` art agrikola fi Triq Birzebbuga, Birzebbuga, fi "scrapyard minghajr permess". L-*enforcement notice* hareg fl-1 ta` Frar 1996 u kien notifikat fid-9 ta` Frar 1996 (ara fol 21 u 22 tal-atti tar-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni bin-nru. 588/16). John Bonnett ressaq appell minn dan l-*enforcement notice*. L-appell kien deciz kontra tieghu b`decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar tat-12 ta` Dicembru 2001 (Appell nru. PAB 85/96E TSC). Wara din id-decizjoni, ir-rikorrent ma ressaq ebda appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

Ghar-rigward ta` Carmelo Bonnett, hareg avviz ta` nfurzar ECF 11/14 fejn Carmelo Bonnett kien infurmat li wettaq zvilupp illegali konsistenti fil-konverzjoni ta` "art agrikola ghal post fejn qed tinzamm hazna ta` karozzi uzati, white goods, tyres, scrap, u oggetti ohra fuq art agrikola" gewwa sit li jinsab fi Triq il-Profs A. Tabone, Birzebbuga. L-*enforcement notice* hareg fit-7 ta` Marzu 2014 u kien notifikat fl-4 ta` April 2014 (ara fol 19 tal-atti tar-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni 598/2016). Minn dan l-*enforcement notice* ma kienx hemm appell.

Il-kontenzjoni tal-intimati hija li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li jirreferu l-kwistjoni lill-Qorti tal-Appell ; la m`ghamlux uzu minn dak ir-rimedju, ma kellhomx jirrikorru ghall-procediment tal-lum.

L-Awtorita` ta` l-Ippjanar taghmel referenza ghad-decizjonijiet li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet "**<u>Mowafak Toutoungi et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" tal-25 ta` Novembru 2011 u "**<u>Tarcisio Borg vs Onor Prim Ministru et</u>**" tat-12 ta` Jannar 2015. Taghmel l-argument illi fiz-zewg decizjonijiet, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara li l-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" u li r-rimedju ta` appell seta` jwassal ghat-

thassir ta` l-avvizi ta` twaqqif b`mod li jitwarrab il-pedament tal-ghemil allegatament diskriminatorju.

Bla hsara ghal dak li nghad fiz-zewg sentenzi, il-posizzjoni li hadu l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Avukat Generali b`din l-eccezzjoni mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

Fil-fatt huma jirreferu ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fid-digrieti taghha dwar Referenza Kostituzzjonali fl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 588/2016 MH u tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 598/2016 MH. Hemm il-Qorti ghazlet li tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha minhabba n-nuqqas tar-rikorrenti li jinqdew b`mezzi xierqa ta` rimedju li kienu disponibbli ghalihom skont il-ligi bil-kontestazzjoni tal-*enforcement notices.*

Madanakollu, dawn id-digrieti nghataw fl-isfond tal-kwistjoni fejn ir-referenza intalbet sabiex issir indagini ta` jekk l-Art 90(3) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Art 100(3) tal-Kap 552 kienux jilledu id-dritt tar-rikorrenti mill-access effettiv ta` qorti kif tutelati bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("**il-Kostituzzjoni**") u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("**il-Konvenzjoni**").

Il-vertenza tal-lum ma tittrattax l-ghoti ta` ordni sabiex jithassru l-avvizi ta` twaqqif u twettiq li hargu kontra r-rikorrenti. It-talba odjerna tinvolvi stharrig dwar jekk l-avvizi ta` twaqqif u twettiq li hargu dwar l-*scrapyards* in kwistjoni humiex lezivi tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif tutelati bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Li kieku r-rikorrenti ma ressqux l-ilment taghhom quddiem din il-Qorti, ma kinitx sejra tkun indirizzata l-allegata vjolazzjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Hija biss din il-Qorti li fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha l-kompetenza li tindaga l-ilmenti posti mir-rikorrenti.

Il-Qorti ma tarax li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti setghet tkun trattata u risolta minn qorti ordinarja.

**Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta` l-Avukat Generali u dik simili moghtija mill-Awtorita` tal-Ippjanar.**

## V. <u>Mertu</u>

**Ir-rikorrenti qed jilmentaw li garrbu ksur ta` l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.**

### 1. <u>L-Art 37 tal-Kostituzzjoni</u>

Fis-sentenza li tat fil-25 ta` Frar 2011 fil-kawza **<u>Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita ta` Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et</u>** il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi l-Art 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli biss meta jkun hemm tehid forzjuz ta` proprjeta, u mhux meta l-ilment ikun jirrigwarda l-kontroll jew limitazzjoni ta` uzu ta` proprjeta.

Fil-kawza li kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta` Ottubru 2008 fil-kawza **<u>Josephine Bugeja vs Avukat Generali et</u>** (ara wkoll id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta` Dicembru 2009) inghad illi sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta` l-Art 37 tal-Kostituzzjoni, ma jridx ikun hemm biss privazzjoni ta` tgawdija ta` propjeta` :-

> *"Dan qed jinghad peress li biex japplika l-principju ta` tehid forzuz wiehed irid jara jekk ittehditx proprjeta` b`mod li s-sid originali jigi zvestit minn kull dritt li ghandu fuq ilproprjeta`. F`dan il-kaz, il-fond kien u ghadu proprjeta` tar-rikorrenti, li tista` taljena jew tittrasferixxi l-fond lill-terzi, ghalkemm il-valur tal-fond certament qieghed affettwat mic-cirkostanzi msemmija.*
>
> …
>
> *Fil-fatt, kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Galea et vs Briffa et", deciza fit-30 ta` Novembru, 2001, li kienet titratta mid-dritt ta` enfitewta, li kien igawdi minn koncessjoni ta` anqas minn tletin sena, li fit-tmien l-enfitewsi jikkonverti t-titolu tieghu f`wiehed ta` kera, bl-okkupazzjoni tkun protetta bil-ligi, biex ikun hemm ksur tal-Kostituzzjoni, jrid ikun hemm tehid tal-proprjeta`, u mhux biss regolamenti li jikkontrollaw l-uzu tal-istess proprjeta`. Dik l-Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fil-kuntest tat-tgawdija ta` fond.*

*Jibqa` pero` l-problema jekk din il-limitazzjoni statutorja fir-rigward tat-tgawdija tal-proprjeta` setghetx tigi ekwiparata mat-tehid ta` pussess taghha b`mod obbligatarju ghaliex hi din l-ahhar figura guridika illi tattira l-protezzjoni minn privazzjoni ta` proprjeta` bla kumpens ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni …*

*Il-Kostituzzjoni titkellem minn tehid ta` pussess forzat b`mod obbligatorju. Dicitura li, wehidha, minghajr riferenza ghad-dritt ta` tgawdija pacifika fih innifsu donnu timplika li biex tigi estiza l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni jehtieg li jkun hemm privazzjoni ta` proprjeta` u li din tkun effett dirett ta` xi att tal-Istat u mhux bizzejjed li jkun hemm privazzjoni tad-dritt tat-tgawdija pacifika bhala rifless ta` tali att …*

*Il-Kostituzzjoni ta` Malta ghandha approcc divers ghad-dritt tal-proprjeta`. Fl-artikolu 32 hi telenka fost id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwu "it-tgawdija ta` proprjeta`". Dan id-dritt fondamentali li l-individwi kollha b`mod indiskriminat ghandhom igawdu l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni, pero`, hu soggett "ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet tal-ohrajn u tal-interess pubbliku". Dan l-artikolu hu pero` wiehed dikjaratorju u jidher li t-twettieq tieghu fir-rigward tad-dritt ta` proprjeta` hu limitat ghall-applikazzjoni tal-artikolu 37 fuq citat li l-vjolazzjoni tieghu taghti lok ghar-rimedju kostituzzjonali. Jidher ghalhekk li kontrarjament ghad-dikjarazzjoni tal-principju, fl-ewwel sentenza tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol talKonvenzjoni Ewropeja, (Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions), l-artikolu 32 li jiddikjara d-dritt ghall-proprjeta` b`mod generali ma hux "ut sic" enforzabbli f`xi Qorti. Infatti ssubinciz 1 tal-artikolu 46 jipprovdi illi jaghti biss lok gharrikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jista` biss jintalab rimedju ghalihom il-kazijiet ta` vjolazzjonijiet taht l-artikoli 33 sa 45. Dan ifisser illi biex ir-rikorrenti jkollhom success fis-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, huma jridu sodisfacentement jippruvaw illi l-fatti kif provati … jinkwadraw ruhhom fl-estremi tas-subinciz 1 tal-artikolu 37 ….".*

*Jista` allura b`logika jigi arguwit illi l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjeta` jew id-*

*dritt fuqha minghajr kunpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-proprjeta` jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mil-ligi u li lkwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta` Qorti b`kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l-gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta` din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta` tehid ta` proprjeta` jew ta` jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta` limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjeta`".*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2016 fil-kawza **<u>Rose Borg vs Avukat Generali et</u>** inghad :-

*"Illi huwa assodat li l-portata ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija aktar ristretta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan ta` l-ahhar jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" ("possessions" fit-test Ingliz, "biens" fit-test Franciz) ta` dak li jkun, l-istess ma jistax jinghad ghall-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar it-tehid b`mod obbligatorju tal-pussess ta` proprjeta` ta` kull xorta li tkun jew il-ksib b`mod obbligatorju ta` interess fi jew dritt fuq proprjeta` (dejjem ta` kull xorta li tkun).(Ara ad ez. **<u>Amato Gauci vs Avukat Generali</u>**,deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta` Mejju 2006; **<u>Galea et vs Briffa,</u>** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 2001; **<u>Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent et.</u>** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Frar 2011; **<u>Bugeja et vs Avukat Generali</u>** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Dicembru 2009; **<u>Josephine Bugeja v Avukat Generali</u>** (QK - 7 ta` Dicembru 2006); **<u>Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et</u>** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-11 ta` Ottubru 2011).*

*Il-Qorti hawnhekk taqbel ma` dak sollevat mill-Intimati billi r-rikorrenti ghadha s-sid tal-proprjeta` in mertu, u d-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kap 158 jikkostitwixxu kontroll ta` uzu ta` proprjeta`.*

*Ghaldaqstant l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern."*

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Mejju 2017 fil-kawza **Catherine Cauchi et vs Avukat Generali et** din il-Qorti diversament presjeduta osservat illi :-

> *"L-Avukat Generali, fit-tielet eccezzjoni tieghu jargumenta illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dan huwa ghal kollox improponibbli ghaliex tali artikolu jghodd biss meta jkun hemm tehid forzuz jew obbligatorju, fejn persuna tigi mnezza` minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjetà. Fil-fatt fil-kawza sucitata Borg vs AG (li kif inghad kellha cirkostanzi simili hafna ghal din odjerna) l-ewwel qorti kienet qablet ma tali argument in vista tal-fatt li r-rikorrenti f` tali kawza kienet baqghet is-sid tal-proprjetà in mertu, u d-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kap 158 jikkostitwixxu biss "kontroll" ta` uzu. Il-Qorti Kostituzzjonali però, fl-istess kawza kienet qalet hekk:*
>
> *"Incidentalment – u billi, ma sar ebda appell mill-attrici fuq dan il-punt, dan qieghed jinghad biss biex jigi evitat kull ekwivoku u ma jinholqux precedenti hziena – din il-qorti tosserva illi ma kinitx ghal kollox korretta l-ewwel qorti meta qalet illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jolqotx il-kaz bhal dak ta` llum ta` "kontroll ta` uzu ta` proprjetà". Meta l-"kontroll ta` uzu ta` proprjetà jolqot, bhal fil-kaz ta` llum, interess – li mhux bilfors ikun in re – fil-proprjetà, dak il-kontroll ta` uzu jista` wkoll, jekk ma jkunx b`kumpens, ghal skop xieraq, u proporzjonat ghal dak l-iskop, ikun bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni."*

Fl-isfond ta` l-premess, sabiex ikun hemm lezjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni jridu jissussistu flimkien tlett elementi :

(i) it-tehid forzuz tal-proprjeta` ;
(ii) kumpens offrut ma jkunx xieraq ; u
(iii) mankanza ta` access lill-Qorti.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti ma kienux is-sidien tas-siti li kienu kolpiti mid-*direct action* tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

L-ilment tar-rikorrenti jdur mal-allegazzjoni li in vista` ta` l-azzjoni mehuda fuq dawn is-siti, kien hemm kontroll fl-uzu tal-proprjeta` peress li r-rikorrenti gew zvestiti mill-oggetti mobbli li kellhom fis-siti u kienu prekluzi milli jkomplu n-negozju taghhom bl-operazzjoni ta` dawk is-siti.

## 2. <u>L-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni</u>

Abbazi tal-Konvenzjoni, huwa mhares id-dritt ghat-tgawdija tal-beni. Kull restrizzjoni tal-pussess ta` beni hija soggetta ghal kondizzjonijiet. L-Istat ghandu dritt ikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` fl-interess pubbliku, billi jaghmel u jenforza dawk il-ligijiet illi jqis necessarji.

Id-dritt ghat-tgawdija tal-beni jinkludi d-dritt tal-proprjeta`. Id-dritt mhuwiex limitat biss ghal beni korporali jew tangibbli.

Fid-decizjoni "**<u>Gasus Dosier und Fordertechnik GmbH v The Netherlands</u>**" (1995), l-ECHR osservat illi sabiex jikkwalifika ghall-harsien mill-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, id-dritt jew l-interess irid ikollu valur ekonomiku jew ikun ta` natura pekunarja. Il-Qorti marret oltre l-kwistjoni ta` titolu. Id-dritt jezisti jekk ikun hemm interess illi jissarraf f`valur ekonomiku.

Skond il-gurisprudenza tal-ECHR, il-frazi `*possessions*` ghandu "*an autonomous meaning which is certainly not limited ownership of physical goods ; certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights` and thus as possession for the purposes of this provision." (*The European Legal Forum (E) 7-2000/01, 437-444 : **<u>Sebastien Drooghenbroeck</u>** : The concept of possessions within the meaning of Article 1 of the First Protocol to the European Convention for the Protection of Human Rights an d Fundamental Freedoms).

L-ECHR irrimarkat illi "*there is no possession in an item where the link between the applicant`s payment and the ultimate value of the thing is not established, so where an applicant has made contributions to a social security scheme but there is no link between the contributions and the ultimate share claimed by the applicant, this does not come within the scope of Protocol 1 Art.1 (**<u>G v Austria</u>** (1984) 38 DR 84) ; the same applies to contributions to pension schemes (**<u>X v Netherlands</u>** (1972) 38 CD 9.)*

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Mejju 1995 fil-kawza "**Air Canada v. United Kingdom"** l-ECHR irrimarkat illi –

> "*29. The Court recalls that Article 2 (P1-1) guarantees in substance the right of property and comprises three distinct rules. The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph (P1-1) and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph (P1-1), covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second paragraph (P1-1), recognises that the Contracting States are entitled to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.*"

Fil-Pag 548 ta` "**The European Convention on Human Rights**" (Seventh Edition – OUP) **Jacobs, White and Ovey** ighidu hekk –

> *"The Court has repeatedly said that the Article comprises three distinct rules. First, everyone is entitled to peaceful enjoyment of their possessions. Secondly, deprivation of possessions is subject to certain conditions. Finally Contracting Parties are entitled to control the use of property where it is in thje general interest. But these are not distinct rules, since the second and third rules relate to interferences with the peaceful enjoyment of possessions which may be justified in the general interest … Once it has been established that the applicant has an interest which can be classified as a possession, the general approach of the Strasbourg Court is to consider first whether there has been a deprivation of possessions, followed by considerations of whether there has been a control of the use of possessions, since these are matters specifically dealt with by the Article."*

Fid-decizjoni li tat fit-23 ta` Marzu 2012 fil-kawza "**Carmel sive Charles Camenzuli et v. Kummissarju ta` l-Artijiet et**" (mhux appellata) din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

> "*Ghalkemm Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jipprovdiniex b`definizzjoni ta` x` jikkonsisti l-kuncett ta` beni jew possedimenti, gie*

*stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b` mod wiesa`. In fatti, f` **Mellacher vs Austria** (19 December 1989), dan il-kuncett giet interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta` valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita` ta` dan l-Artikolu.*

*Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk (`A Guide to the Impleme ntation of Article 1 of Protocol Number 1`) infatti, `…the concept of what constitutes property or possessions, in article 1 of Protocol number 1 is wide … range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests.`*

*Dan l-artikolu ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta` fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni tieghu ghal interessi ohra."*

Fis-sentenza li tat fil-kaz ta` **Barbara vs Onor. Prim Ministru** (20 ta` Jannar 1989), il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

*"Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta` natura kummercjali, jew ahjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement li huma kapaci "of being realized"b`hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha "legitimate expectation" kif ser naraw aktar `l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.*

*Il-protezzjoni ta` dan l-Artikolu tapplika biss f`kaz li wiehed jista` "lay a claim to the property concerned". Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-proprjeta` gia` ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista proprjeta` fil-futur. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wiehed jista` jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga` ghandha u li diga` qed tgawdi. Irid jigi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu **pretensjoni legali** li jezercita "property rights" – **Zwierzynski v. Poland**, 19 ta` Gunju, 2001.*

*Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta` dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu* ***forma ta` dritt li qed igawdi*** *li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala "property right" –* ***S v. United Kingdom*** *(1986 – Application Number 11716/85).*

*Alternattivament, sabiex "claim" tkun ikkonsiderata bhala "possession" taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tigi akkolta".*

*A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on* ***a legal provision or a legal act...*** *" –* ***Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic*** *(2002).*

*Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficcentament "established to be enforceable" – case of* ***Burdov v. Russia****, 7 ta` Mejju, 2002;* ***Timofeyen v. Russia****, 23 ta` Jannar, 2004 u* ***Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece****, 9 ta` Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi kkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista` tigi kkonsidrata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficcju ekonomiku ta` dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" –* ***Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium*** *(1995)7 u* ***National and Provincial Building Society v. U.K.*** *(1997).*

*Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist,* ***Potocka and Others v. Poland*** *(2000), huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta` dan l-Artikolu, jipproduci prima facie evidenza ta` l-ezistenza u l-validita` tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni inkwistjoni."*

*Hekk ukoll kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Zammit v. Ellul Vincenti noe****, deciza fil-31 ta` Lulju, 1996, f`referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni :*

*"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija pacifika tal-*

*possedimenti ta` kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku.Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f`dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possediment li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati".* (enfazi mizjud)

Fuq l-istess linji, huma l-osservazzjonijiet li ghamel **<u>Tonio Borg</u>** fil-ktieb "**<u>A Commentary on the Constitution of Malta</u>**" (Kite – 2016 – pag.108) dwar "possediment".

Ighid :-

*"The word "possessions" has a wide meaning. Trading licences, rights, personal or real, over property are considered possessions. (See **<u>Victor Spiteri vs Attorney General et</u>** (CC) (1 October 2009) (1/08)L "A licence in virtue of which one may exercise a commercial activity is considered as a kind of possession for the purpose of the said article, and the lack of its renewal can amount to an interference or a denial of one`s peaceful enjoyment thereof.") Article 1 also protects legitimate expectations where evidence indicates that an applicant has a claim which he could legitimately expect to be determined in accordance with the ordinary law (of liability for negligence) and therefore a "possession" within the meaning of the first sentence of Article 1 of Protocol 1, which is accordingly applicable in the case. (**<u>Maurice vs France</u>** (ECrtHR) (6 October 2005) (11810/03). In **<u>Commissioner of Land vs Frank Calleja</u>** (CC) (6 September 2010) (6/07), the Constitutional Court decided that the retroactive application of a law which prohibited the award of compensation in an amount higher than the one claimed by the owners, when a case before the Land Arbitration Board had been postponed for judgement under the previous law which allowed such liquidation of a higher compensation, was in breach of such legitimate expectation and therefore in breach of Article 1 Protocol 1. However in **<u>Commissioner of Land vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto</u>** (CC) (6 September 2010) (4 & 5/07) the fact that the technical referees had not yet submitted their Report before the Land Arbitration Board when the said retroactive law*

*came into force, militated against a similar claim for legitimate expectation.)*

*In a similar vein it has been decided that a license for a pig breeding farm could not be withdrawn if the operator did not contravene the law. The fact that the authorities allowed construction of dwelling houses next to the farm did not justify the cancellation of such a license. (See **Carmelo Vella et vs Commissioner of Police** (CC) (24 September 2010) (46/05): "In this case it was not the behaviour of the applicant which led to the breach of the regulations relating to the minimum statutory distances but the person who authorised the building in the area around the farmhouse. If, in this way, a situation arose creating public health problems, applicant should not suffer the consequences of these decisions".) Such a cancellation amounted to a breach of Article 1 Protocol 1."*

Fl-isfond tal-premess, dak li ghandu jigi evalwat huwa jekk ir-rikorrenti ghandhomx "*possediment*" ghall-finijiet tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni u ghandhomx "*proprjeta`*" jew tal-anqas xi "*interess fi jew dritt fuq proprjeta`*" ghall-finijiet tal-Art 37(1) tal-Kostituzzjoni.

Jekk ma jirrizultax il-possediment, interess jew dritt fil-proprjeta`, il-Qorti ma tkunx tista` ssib vjolazzjoni.

Il-possediment reklamat mir-rikorrenti jikkonsisti fid-dritt li jutilizzaw is-siti fil-pussess taghhom ghall-uzu ta` *scrap yards*. Huma jippretendu li dan id-dritt jikkostitwixxi proprjeta` u/jew interess fi jew dritt fuq proprjeta`.

Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta` Frar 2015 fid-decizjoni li tat fil-kawza **Peter sive Rino Muscat Scerri et v. L-Avukat Generali et**, dritt pretiz jikkwalifika bhala possediment meta dak id-dritt jirrizulta sufficjentement stabbilit bhala dritt enforzabbli (ara - ECHR **Kopecky v Slovakia**, Grand Chamber, 28/9/2004 ; ECHR **Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v Greece**, 9/12/1994 ; ECHR **Pravedanya v Russia**, 18/11/2004).

Fil-kawza **John Bugeja v Prim Ministru et** deciza fis-26 ta` April 2013 il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi :-

*"F`dan il-kaz id-dritt pretiz mir-rikorrenti huwa ghal kollox kontestat mill-intimati li jsostnu li r-rikorrenti assolutament ma ghandhomx id-dritt li jippretendu. Kien ikun differenti li kieku r-rikorrenti ssottomettew il-pretensjoni taghhom quddiem il-Qorti kompetenti fil-konfront tal-partijiet intimati, ghaliex fl-eventwalita` li d-dritt pretiz minnhom jigi kanonizzat gudizzjarjament allura ma kienx ikun hemm dubbju dwar l-ezistenza u l-estensjoni tad-dritt minnhom pretiz u dwar l-enforzabbilita` tieghu li b`hekk jakkwista n-natura ta` dritt kwezit li jidhol jifforma parti mill-assi tar-rikorrenti. (Ara Q. App.* ***__Oliver Siracusa noe. v Prim Ministru noe. et__****, 16/11/1989).*

*…*

*Ir-rikorrenti tal-anqas sa minn meta pprezentaw ir-rikors taghhom ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kienu jafu li l-pretensjoni taghhom kienet qed tigi kontestata u rezistita mill-Awtorita` kompetenti u li ghalhekk il-legittimita` tal-pretensjoni taghhom setghet tigi stabbilita biss billi tigi accertata gudizzjarjament quddiem il-Qorti kompetenti ta` gurisdizzjoni ordinarja. Ir-rikorrenti, izda, ma adixxewx lil dik il-qorti qabel intentaw il-proceduri kostituzzjonali prezenti bil-konsegwenza li sabu ruhhom f`pozizzjoni li ma jistghux jissodisfaw lil din il-Qorti li huma verament ghandhom fost l-assi taghhom il-possediment konsistenti fid-dritt permanenti ghal irmig ghal zmienindefinit kif pretiz minnhom. Anzi, is-sentenzi tal-qrati huma pjuttost fid-direzzjoni opposta.*

*39. Huwa minnu li n-nuqqas ta` ezawriment tar-rimedji ordinarji ma jistax izjed f`dan l-istadju jigi invokat mill-intimati sabiex jinducu lil din il-Qort tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha anki ghaliex, safejn l-appell tal-Avukat Generali seta` jiftiehem li kien qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata f`dan ir-rigward, dan gie minn din il-Qorti michud.*

*40. B`danakollu il-fatt li l-appellati ma adixxewx lill-Qorti ta` kompetenza ordinarja sabiex id-dritt pretiz minnhom jigi rikonoxxut gudizzjarjament fid-dawl tad-dissens tal-intimati iqeghdhom fl-impossibbilita` li jippruvaw ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti li huma*

*tassew ghandhom il-possediment li jilmentaw li qed jigu jew ser jigu privi minnu.*

*41. Fid-dawl tal-konkluzjoni appena raggunta li ma giex pruvat li r-rikorrenti kellhom bhala parti mill-possedimenti taghhom id-dritt minnhom pretiz, anqas jistghu r-rikorrenti jinvokaw xi legitimate expectation li ma jittehdilhomx dritt li fil-fatt ma jirrizultax li kellhom.*

*42. F`dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorit ma tista` qatt issib li gie vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jew kif sancit bl-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u in vista ta` dan ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tidhol biex tikkonsidra l-aggravji l-ohra tal-appellanti."*

(ara wkoll : **Tonio Borg** : op. cit. : pag 109).

## 3. Risultanzi

Kuntrarjament ghal dak sostnut mir-rikorrenti fis-sens illi s-siti in kwistjoni kienu ilhom joperaw bhala *scrap yards* mis-snin sittin, mill-*aerial photographs* li l-Awtorita` tal-Ippjanar ipprezentat bhala prova jirrizulta l-oppost.

Irrizulta li l-art agrikola kolpita bl-*enforcement notice* 11/14 mahruga fil-konfront ta` Carmelo Bonnett kienet konvertita fi *scrap yard* illegali wara l-1994. Matul is-snin, Carmelo Bonnett progressivament zied l-entita` tal-illegalita` tieghu bid-depozitu ulterjuri ta` "tunnelati kbar ta` eluf ta` mijiet ta` scrap"(ara : **Fiona El Husseini vs L-Awtorita ghall-Ambjent et :** 18 ta` Mejju 2016 : 598/2016 MH).

Fl-art l-ohra agrikola kolpita bl-*enforcement notice* 69/96 mahrug fil-konfront ta` John Bonnett, kien hemm xi vetturi depozitati fl-1978, izda l-illegalita` baqghet dejjem tizdied u s-sit sar *scrap yard* illegali b` "tunnelati kbar ta` eluf ta` mijiet ta` *scrap*" (ara : **John Bonnett vs L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi et** : 18 ta` Mejju 2016 : 588/2016 MH).

**Sa minn dejjem ir-rikorrenti kienu ben konsapevoli li l-pretensjoni taghhom kienet qeghda tigi kontestata mill-awtorita` kompetenti u li ghalhekk il-legittimita` tal-pretensjoni taghhom setghet tigi stabbilita biss billi tigi accertata gudizzjarjament quddiem qorti ordinarja. Madanakollu, ir-rikorrenti ma kkontestawx l-*enforcement notices* li hargu fir-rigward tas-siti in kwistjoni. Ghalhekk fil-procediment attwali, ir-rikorrenti poggew ruhhom fil-pozizzjoni li ma jistghux jissodisfaw lil din il-Qorti li huma tassew ghandhom fost l-assi taghhom il-possediment konsistenti fid-dritt li joperaw *scrap yard* fuq is-siti in kwistjoni.**

**Il-Qorti tqis illi bil-fatt li r-rikorrenti ma hadux passi sabiex id-dritt pretiz minnhom jigi rikonoxxut gudizzjarjament meta rinfaccjati bil-kontestazzjoni tal-awtoritajiet, huma qeghdu lilhom innfushom fl-impossibbilita` li jippruvaw li huma ghandhom il-possediment li jilmentaw li qed jigu mcahhda minnu. Il-pretensjoni li qeghdin jaghmlu fl-azzjoni tal-lum ma tammontax ghal "possediment".**

**Ghalhekk il-Qorti ma tista` qatt issib li kiuen hemm vjolazzjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.**

Sabiex ikompli jirrafferma l-fondatezza tal-konkluzjoni taghha, il-Qorti tosserva illi fil-kors ta` din il-kawza, kien ippruvat xejn aktar u xejn anqas li s-siti kienu qeghdin jigu operati bhala *scrapyards* illegali minghajr licenzja jew permess.

Anke din il-Qorti tirriafferma l-principju li l-ligi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita` u jigi zvantaggjat min jikkonforma ruhhu mal-ligi. Min jiehu vantagg billi jaghmel illegalita` ma jistax jippretendi li l-ligi taghtih rimedju.

*Ex turpi causa non oritur actio.* Din il-massima legali hija maghrufa bhala `*illegality defence*`. Tifsira taghha minn Lord Mansfield CJ fil-kawza **Holman v Johnson** (1775) 1 Cowp 341I fejn intqal : *"No court will lend its aid to a man who founds his cause of action upon an immoral or an illegal act".*

Il-principju kien applikat anke ghalina fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` april 2015 fil-kawza "**John Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et**" fejn inghad :-

> *"10. Huwa minnu illi aspettativa tista` tkun "possediment" ghall-ghanijiet tal- harsien tal-jedd*

*ghat-tgawdija. Din l-aspettativa izda trid tkun legittima u l-aspettativi legittimi li jixirqilhom harsien ma jitnisslux mill-ksur tal-ligi.*

*L-aspettativa legittima li jista` jkollu min, bhall-atturi, jisker u jisfida ordni tal-qorti, hija biss illi jkun imgieghel inehhi l-istat ta` illegalità li jkun holoq bil-ksur tal-ligi u mhux illi l-illegalità tigi konvertita f`legalità.*

*11. Fil-kaz tallum l-atturi ghazlu li ma joqoghdux ghal ordni tal-qorti u issa ghandhom "aspettativa" illi dik l-ordni tithassar sabiex ikunu jistghu jzommu dak li kisbu legittimament. Din hija l-aspettativa ta` min bi ksur tal-ligi johloq stat ta` fatt favorevoli ghalih u mbaghad jistenna li tigi ratifikata l-illegalità biex ikompli jgawdi l-qligh illecitu tieghu. Din izda ma hijiex aspettativa li jixirqilha harsien, wisq anqas harsien ta` dritt fondamentali.*

*…*

*min jiehu vantagg billi jaghmel illegalità ma jistax jippretendi li l-ligi taghtih rimedju qabel ma jnehhi dak li jkun ghamel bi ksur tal-ligi. Dan huwa principju ta` ordni pubbliku, biex tingheleb il-mentalità li jaqbillek "tikkapparra" ttgawdija bi ksur tal-ligi biex forsi eventwalment l-illegalità tkun sanzjonata, mentalità li tippremja lil min jikser il-ligi u tippenalizza lil min ifittex li jharisha f`kollox. Il-principju huwa semplici u elementari: li kieku l-atturi fehmu mill-bidu illi ma humiex sejrin jiksbu dak li jridu qabel ma jkunu nehhew dak li ghamlu bi ksur tal-ligi, kieku ma kinux jiksru l-ligi. Dik hija t-taghlima li trid taghti l-ligi, izda l-messagg li jinghata jkun proprju l-oppost ta` dan jekk jintlaqghu t-talbiet tal-atturi."*

Ighid **<u>Laurent</u>** (Vol.XXVII Para.402) –

*"Quando il fatto e` illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e` una obbligazione fondata su causa illecita, poiche` la causa si confonde con l` oggetto dei contratti ; e quando la causa e` illecita l` obbligazione e` inesistente e non puo` avere alcun effetto."*

Fid-decizjoni li tat fit-28 ta` Marzu 2014 fil-kawza **Erika Gertrud Selma Menestret vs Dr Georgine Schembri noe**, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali qalet :

> *"Maghdud mal-premess, din il-Qorti tghid li ghall-kaz tal-lum huwa operattiv il-principju tad-dritt li hadd ma jista` jiehu vantagg mit-turpitudini tieghu stess (ex turpi non oritur actio). Din il-massima tfisser li hadd ma jista` jibbaza azzjoni gudizzjarja fuq att immorali jew illegali.....Fil-kawza* ***"Scicluna vs Abela"*** *(Vol.XXXII.I.174) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-principju li l-Qrati ma jistghux ighinu jew jagevolaw lil dak li jkun ghamel xi haga llecita (ara wkoll -* ***"J.M.V. Holding Limited et vs Karina Holdings Limited et"*** *– Qorti tal-Appell - 30 ta` Novembru 2007"."*

Issir ukoll riferenza ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Tarcisio Borg vs. Onor. Prim Ministru et** tat-12 ta` Jannar 2015 :-

*"Jekk, f`dan l-istadju, l-attur jithalla, issa b`mandat kawtelatorju, jwaqqaf it-twettiq tal-avviz u hekk ikompli jtawwal aktar iz-zmien biex tigi rimedjata l-illegalità milquta bl-avviz, b`hekk tigi mxekkla aktar milli huwa xieraq l-awtorità fdata bil-harsien tal-ligijiet tal-ippjanar fil-qadi tad-dmir pubbliku taghha. Il-ligi ma hijiex mahsuba u ma ghandhiex tigi interpretata b`mod illi tghin lil min jinsab fi stat ta` illegalità jkompli jgawdi minn dik l-illegalità u illi tiffrustra lil min ghandu d-dmir li jara li l-ligi titwettaq."*

Irrizulta b` mod car li kontra r-rikorrenti nhargu zewg *enforcement notices* ECF 69/96 mahrug fil-konfront ta` John Bonnett u ECF 11/14 mahrug fil-konfront ta` Carmelo Bonnett. Entrambi hargu in vista ta` zvilupp illegali mwettaq minn kull wiehed mir-rikorrenti konsistenti fil-konverzjoni ta` zewg porzjonijiet ta` art agrikola, protetti b`ordni ta` skedar, fi *scrapyards* minghajr permess.

Dan premess, il-Qorti tqis li rrizulta ppruvat illi s-siti kienu joperaw bhala *scrapyards* minghajr licenzja jew permess.

Dan il-fatt ippruvat iwassalha sabiex tiehu l-linja li bl-ebda mod ma tkun hi li tagevola jew tghin lir-rikorrenti li jibqghu fi stat ta` illegalita`.

Hija fiergha u inveritjiera l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-gestjoni ta` dawn l-*iscrapyards* kienet koperta bil-permessi kollha li kienu rikjesti fil-passat. L-izvilupp ta` dawn l-*iscrapyards* xorta wahda kien jirrikjedi permess tal-izvilupp validament mahrug mill-PAPB. L-ebda wahda ma kien kopert b`permess – ricenti jew inqas ricenti.

Minkejja li r-rikorrenti nfushom irrikonoxxew u accettaw ir-responsabilita` ghall-illegalita` kommessa minnhom fuq l-artijiet u bdew inehhu ftit ftit l-*scrap*, baqghu dejjem jitolbu aktar zmien biex inaddfu bil-ghan li jirbhu aktar zmien. Jidher kjarament mir-ritratti ezebiti l-istat gravi li kienu jinsabu fih l-artijiet qabel ma ttiehdet l-azzjoni. Ladarba lanqas ma tressqet prova sodisfacenti li s-siti kienu joperaw bhala *scrapyards* skont licenzja jew permess, il-Qorti mhijiex sejra tagevola lir-rikorrenti billi tikkondona stat ta` illegalita`.

Dwar l-allegat telf li r-rikorrenti jghidu li garrbu bl-azzjoni tal-Awtorita`, tajjeb jinghad illi assolutament ma rrizultax li l-intimati jew min minnhom hadu mizuri jew passi sabiex ibieghu l-oggetti mobbli mnehhija mis-sit tar-rikorrenti bi profitt ghalihom u a skapitu tar-rikorrenti. Ghal kuntrarju rrizultaw provi li juru l-ispejjez li gew inkorsi mill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex tnaddfu s-siti in kwistjoni. Inoltre mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Awtorita` ta` l-Ippjanar intimata, irrizulta illi r-rikorrenti nghataw l-opportunita` li jnehhu huma dawk l-oggetti li kienu ta` valur ghalihom jew li riedu jzommu. Ghalhekk huwa inutli li r-rikorrenti jaghmlu l-argument illi huma hallew fis-siti hafna oggetti fosthom uhud li ma kinux proprjeta` taghhom.

L-izvilupp illegali mwettaq mir-rikorrenti minghajr permess jikkostitwixxi ksur car tal-Ligi tal-Ippjanar. Agir bhal dan huwa punibbli mil-Ligi, mhux protett mill-Ligi. L-allegat dritt pretiz mir-rikorrenti li huma jgawdu proprjeta` kolpita` b`illegalita` ma hux sancit propju ghaliex il-ligi ma hijiex hemm biex tittutela l-illegalita` u jigi zvantaggjat min jikkonforma ruhu mal-ligi.

Il-Qorti tishaq li r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jistghu jitilghu `l fuq mill-ligi, jikkommettu l-illegalitajiet, jippersistu fl-illegalitajiet taghhom u ma jnehhux l-istess, u snin wara l-hrug tal-*enforcement notices,* jipprezentaw kawza ta` din ix-xorta illi hi karenti minn kwalsiasi sembjanza ta` bazi legali.

**It-talbiet tar-rikorrenti qeghdin jigu respinti.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimata Awtorita` ghall-Ambjent u Risorsi. Qeghda tillibera lill-istess Awtorita` mill-osservanza tal-gudizzju. U ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra taghha.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali, filwaqt li tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Avukat Generali.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar, filwaqt li tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita` tal-Ippjanar.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**